**Parlament Ewropew**
2014-2019

**TESTI ADOTTATI**

# P8_TA(2016)0485

## Sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2015

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2015 (2016/2009(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Trattat UE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000 ("il-Karta"), li ġiet ipproklamata fit-12 ta' Diċembru 2007 fi Strasburgu u li daħlet fis-seħħ mat-Trattat ta' Lisbona f'Diċembru 2009,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1948,

– wara li kkunsidra t-trattati tan-NU dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-ġurisprudenza tal-korpi tat-trattati tan-NU,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li ġiet adottata fi New York fit-13 ta' Diċembru 2006 u ratifikata mill-UE nhar it-23 ta' Diċembru 2010,

– wara li kkunsidra l-Osservazzjonijiet Finali adottati f'Ottubru 2015 mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, adottata fi New York fl-20 ta' Novembru 1989,

– wara li kkunsidra l-Kummenti Ġenerali tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal: Nru 6 (2005) dwar it-trattament tat-tfal mhux akkumpanjati u mifruda barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, Nru 7 (2005) dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-ewwel snin tat-tfulija, Nru 9 (2006) dwar id-drittijiet tat-tfal b'diżabilità, Nru 10 (2007) dwar id-drittijiet tat-tfal fil-ġustizzja tal-minorenni, Nru 12 (2009) dwar id-dritt tat-tfal li jiġu mismugħa, Nru 13 (2011) dwar id-dritt tat-tfal għall-ħelsien minn kull forma ta' vjolenza u Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jittieħdu bħala kunsiderazzjoni ewlenija,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma

ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, ir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Frar 2014 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa[1] u tas-6 ta' Frar 2014 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn l-eliminazzjoni tal-mutilazzjoni ġenitali femminili"[2], u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u t-tfajliet, inkluża l-mutilazzjoni ġenitali femminili,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 u l-Protokoll tal-1967 għaliha dwar l-Istatus ta' Rifuġjati,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1990 dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1949 dwar is-Soppressjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin u tal-Isfruttament jew il-Prostituzzjoni ta' Oħrajn,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji u Linji Gwida Rakkomandati mill-OHCHR dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fuq il-Fruntieri Internazzjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tat-22 ta' Lulju 2014 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni tal-verità, il-ġustizzja, il-kumpens u l-garanziji tan-nonrikorrenza,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Reġjonali tal-Pjan Internazzjonali ta' Madrid ta' Azzjoni fuq it-Tixjiħ, 2002,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji relatati mal-Istatus tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (il-"Prinċipji ta' Pariġi"), annessi mar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 48/134,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-konvenzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet u r-rapporti tal-Assemblea Parlamentari, tal-Kumitat tal-Ministri, tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa 1985 (2014) – Is-sitwazzjoni u d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fl-Ewropa,

– wara li kkunsidra l-Karta dwar l-Edukazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza Demokratika u l-Edukazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin,

1 Testi adottati, P7_TA(2014)0126.
2 Testi adottati, P7_TA(2014)0105.

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika[1],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali[3],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali[4],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol[5],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi[6],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol[7],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Marzu 2010 dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva[8] u r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni li saret bejn Lulju u Settembru 2015,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI[9],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI[10],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-

---

1 ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.
2 ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1.
3 ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1.
4 ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55
5 ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.
6 ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.
7 ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.
8 ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.
9 ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.
10 ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.

25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI[1],

– wara li kkunsidra d-direttivi dwar id-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali,

– wara li kkunsidra l-Pakkett dwar il-Protezzjoni ta' Data li ġie adottat f'Diċembru 2015,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Settembru 2016[2] li jistabbilixxi Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, u d-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013[3] (id-Direttiva tal-Proċeduri ta' Asil),

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002,

– wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-ugwaljanza bejn is-sessi għall-perjodu 2011-2020 adottat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Ġunju 2011 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-5-6 ta' Ġunju 2014 dwar politika dwar l-integrazzjoni tal-immigranti fl-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2015 dwar opportunitajiet għal dħul indaqs għan-nisa u l-irġiel: intemmu d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u l-irġiel:

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-grupp ta' tliet Presidenzi tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tas-7 ta' Diċembru 2015,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza tal-LGBTI, adottati fis-16 ta' Ġunju 2016,

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi),

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet Barranin għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI), adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fl-24 ta' Ġunju 2013,

[1] ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.
[2] ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1.
[3] ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60.

– wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-Ewrobarometru intitolat "Id-Diskriminazzjoni fl-UE fl-2015",

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt (COM(2014)0158) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill bit-titolu "L-iżgurar tar-rispett għall-Istat tad-Dritt",

– wara li kkunsidra l-Lista ta' Azzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza għal-LGBTI,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-2015 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea (SWD(2016)0054),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi" (COM(2016)0377),

– wara li kkunsidra l-istrateġija Ewropa 2020, speċifikament il-miri tagħha dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali,

– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-OECD/l-Unjoni Ewropea intitolata "Indikaturi ta' Integrazzjoni tal-Immigrazzjoni 2015 – Issetilljar",

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni" (COM(2013)0083), u r-rakkomandazzjoni tagħha 2013/112/EU tal-20 ta’ Frar 2013 dwar "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ",

– wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-objettivi ta' Barċellona tad-29 ta' Mejju 2013 bit-titolu "L-iżvilupp tas-servizzi ta' akkoljenza tat-tfal żgħar fl-Ewropa għal tkabbir sostenibbli u inklusiv", (COM(2013)0322),

– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016 (COM(2012)0286), b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament tal-iżvilupp ta' linji gwida dwar is-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal u dwar l-iskambju tal-aħjar prattiki,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom fl-2020 (COM(2011)0173) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2011,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Passi 'l quddiem fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom" (COM(2013)0454),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2015 tal-Kummissjoni dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (COM(2016)0265) u d-dokumenti ta' ħidma mehmuża miegħu,

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2013 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE – Ċittadini tal-UE: id-drittijiet tiegħek, il-futur tiegħek (COM(2013)0269),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi fl-Istati Membri ta' integrazzjoni tar-Rom - 2016" (COM(2016)0424),

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-UE kontra l-Korruzzjoni (COM(2014)0038) maħruġ mill-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (COM(2015)0240),

– wara li kkunsidra l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (COM(2015)0185),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kollokju Annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2015,

– wara li kkunsidra r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika li qed jikkontribwixxu għall-Kollokju Annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali dwar "Il-pluraliżmu tal-media u d-demokrazija" tal-2016,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni rigward l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2014 dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE kontra l-omofobija u d-diskriminazzjoni abbażi ta' orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fl-UE[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-aħħar waħda, jiġifieri dik tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2013-2014)[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni, b'mod partikolari dik l-aktar riċenti datata t-12 ta' April 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni[5],

---

1 Testi adottati, P7_TA(2013)0594.
2 Testi adottati, P7_TA(2014)0062.
3 ĠU C 93, 9.3.2016, p. 165.
4 Testi adottati, P8_TA(2015)0286.
5 Testi adottati, P8_TA(2016)0102.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2005 dwar il-ħarsien tal-minoranzi u l-politiki kontra d-diskriminazzjoni f'Ewropa akbar[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2014 dwar il-25 anniversarju tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni u d-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' April 2015 dwar l-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tar-Rom – anti-Żingariżmu fl-Ewropa u r-rikonoxximent min-naħa tal-UE tal-jum ta' tifkira tal-ġenoċidju tar-Rom matul it-Tieni Gwerra Dinjija[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Karta tal-UE: Regoli komuni għal-libertà tal-media fl-UE kollha[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali[6],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħlaq l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tagħha OI/8/2014/AN dwar il-Kummissjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Opinjoni 2/2013 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) rigward l-abbozz ta' ftehim dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-KEDB,

– wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet u l-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE, u l-ġurisprudenza tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali, li għalihom il-Karta hija wieħed mid-dokumenti ta' referenza fl-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, b'mod partikolari l-Kawżi C-83/14, C-360/10, C-70/10, C-390/12, C-199/12, C-200/12, C-201/12, C-404/15, C-659/15 u C-362/14,

– wara li kkunsidra r-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2016 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali,

– wara li kkunsidra l-Manwal tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-liġi Ewropea li tittratta d-Drittijiet tat-Tfal (2015),

– wara li kkunsidra l-istudju tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar ġustizzja li tieħu ħsieb l-interessi tat-tfal – Perspettivi u esperjenzi ta' professjonisti rigward il-parteċipazzjoni tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili u kriminali f'10 Stati Membri tal-UE (2015),

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità: il-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi fl-UE (2015),

---

1 ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 405.
2 ĠU C 289, 9.8.2016, p. 57.
3 ĠU C 93, 9.3.2016, p. 52.
4 ĠU C 328, 6.9.2016, p. 4.
5 ĠU C 55, 12.2.2016, p. 33.
6 Testi adottati, P8_TA(2016)0409.

– wara li kkunsidra l-Istħarriġ dwar l-LGBT fl-UE (2013) tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, għar-rapport tagħha bl-isem "Being Trans in the European Union Comparative analysis of the EU LGBT survey data" (Xi jfisser tkun transesswali fl-Unjoni Ewropea - analiżi komparattiva tad-data tal-istħarriġ dwar l-LGBT fl-UE) (2014) u d-dokument ta' fokus tagħha dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' persuni intersesswali (2015),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali bit-titolu "Il-vjolenza fuq in-nisa: stħarriġ madwar l-UE kollha",

– wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar l-Antisemitiżmu – ħarsa ġenerali lejn id-data disponibbli fl-Unjoni Ewropea 2004-2015,

– wara li kkunsidra l-analiżi legali komparattiva tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess fl-UE,

– wara li kkunsidra l-istħarriġ EU-MIDIS mill-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali u l-istħarriġ dwar ir-Rom,

– wara li kkunsidra l-Indiċi dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-2015 tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u r-rapport tiegħu tal-2015 intitolat "Reconciliation of work, family and private life in the European Union: Policy review" (Ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata fl-Unjoni Ewropea: Rieżami tal-politika),

– wara li kkunsidra lill-Istudju tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi dwar l-identifikazzjoni u l-immappjar tad-data u r-riżorsi eżistenti dwar il-vjolenza sesswali kontra n-nisa fl-UE",

– wara li kkunsidra r-rapport ta' sitwazzjoni tal-2016 tal-Europol dwar it-traffikar ta' bnedmin fl-UE,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurostat tal-2015 dwar it-traffikar tal-bnedmin,

– wara li kkunsidra l-istudji tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) dwar il-ħin tax-xogħol u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata f'perspettiva tul il-ħajja (2013) u dwar il-kura tat-tfal u ta' persuni dipendenti: l-effett fuq il-karrieri tal-ħaddiema żgħażagħ (2013) u dwar ix-xogħol u l-kura: miżuri ta' rikonċiljazzjoni fi żminijiet ta' tibdil demografiku (2015),

– wara li kkunsidra l-istudju mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew ta' Mejju 2015 bit-titolu "Gender equality in employment and occupation – Directive 2006/54/EC, European Implementation Assessment" (L-ugwaljanza bejn is-sessi fl-impjieg u fix-xogħol – id-Direttiva 2006/54/KE, Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea),

– wara li kkunsidra l-istudju tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni tal-Parlament bit-titolu "Discrimination Generated by the Intersection of Gender and Disability" (Diskriminazzjoni Ġġenerata mill-Intersezzjoni tas-Sessi u d-Diżabilità),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tas-16 ta' Ġunju 2016,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0345/2016),

A. billi huwa essenzjali li jiġu protetti d-drittijiet fundamentali kollha; billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali saret parti integrali mit-Trattati; u billi qiegħed iseħħ ksur tad-drittijiet fundamentali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, kif jidher fir-rapporti tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-Kunsill tal-Ewropa u n-NU, u minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs);

B. billi l-Unjoni Ewropea hija komunità bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi;

C. billi l-istat tad-dritt huwa s-sinsla tad-demokrazija liberali Ewropea u huwa wieħed mill-prinċipji fundaturi tal-UE li joriġinaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri kollha, u billi r-rispett tal-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-obbligi fundamentali stabbiliti fit-Trattati u fid-dritt internazzjonali;

D. billi biex jiffaċċjaw l-isfidi tal-lum, l-UE u l-Istati Membri għandhom iħarsu u jinfurzaw dawn il-valuri f'kull azzjoni li jieħdu; billi l-mod li bih l-istat tad-dritt jiġi implimentat fil-livell nazzjonali jaqdi rwol ewlieni fl-iżgurar tal-fiduċja reċiproka fir-rigward tal-Istati Membri u tas-sistemi ġuridiċi tagħhom; billi skont l-Artikolu 17 tat-Trattat UE, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati;

E. billi l-istituzzjonijiet tal-UE diġà bdew proċeduri biex tingħeleb 'l hekk imsejħa "dilemma ta' Copenhagen"; billi l-iżviluppi riċenti wrew li l-istrumenti u l-proċessi biex jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa u korretta tal-prinċipji u l-valuri tat-Trattati għandhom jiġu riveduti u integrati, u li għandu jiġi żviluppat mekkaniżmu effettiv biex jingħalqu l-lakuni li fadal u biex jiżgura li l-prinċipji u l-valuri tat-Trattat jitħarsu madwar l-Unjoni; billi dan il-mekkaniżmu għandu jkun ibbażat fuq provi, u għandu jkun oġġettiv, mhux diskriminatorju u għandu jivvaluta fl-istess livell, b'rispett għall-prinċipji ta' sussidjarjetà, neċessità u proporzjonalità, li jkun japplika kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u għandu jkun ibbażat fuq approċċ gradat, inkluż kemm aspett preventiv kif ukoll wieħed korrettiv;

F. billi l-Unjoni Ewropea timpenja ruħha biex tirrispetta l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, kif ukoll id-dritt għall-informazzjoni u l-libertà tal-espressjoni kif minquxa fil- Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fil-KEDB;

G. billi l-migrazzjoni hija parti mill-preżent u mill-futur tal-UE u waħda mill-ikbar sfidi ta' żminijietna, peress li tappella għar-responsabilitajiet umanitarji internazzjonali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, kif ukoll bħala opportunità għal raġunijiet demografiċi, u teħtieġ soluzzjoni li tħares 'il quddiem, kemm f'termini ta' ġestjoni ta' kriżi fuq perjodu ta' żmien qasir u medju kif ukoll ta' politiki fit-tul għall-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali;

H. billi d-dritt għal asil huwa garantit mill-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati (Konvenzjoni ta' Ġinevra) tal-1951 u mill-Protokoll tagħha tal-31 ta' Jannar 1967, kif

ukoll mill-Karta;

I. billi bejn Settembru u Diċembru 2015 il-Kummissjoni adottat 48 deċiżjoni ta' ksur kontra Stati Membri talli naqsu milli jittrasponu u jimplimentaw għalkollox is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil;

J. billi, skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, 'mill-inqas 3 771 ruħ mietu jew għebu fl-2015 waqt li kienu qed jippruvaw jaslu f'post sikur fl-Ewropa, u b'hekk l-għadd totali ta' persuni mejta u li għebu tul dawn l-aħħar 20 sena kien ta' aktar minn 30 000';

K. billi l-atti ta' terroriżmu jikkostitwixxu wieħed mill-aktar ksur serju tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; billi hu meħtieġ li jkun hemm fis-seħħ għodod adegwati li jipproteġu liċ-ċittadini u r-residenti tal-UE u li jirrispondu b'mod inekwivoku u jiġġieldu tali ksur fil-qafas tal-istat tad-dritt;

L. billi l-qtil ta' tmien ġurnalisti fl-uffiċċji tar-rivista satirika *Charlie Hebdo* fis-7 ta' Jannar 2015 irrappreżenta tentattiv ta' attakk kontra l-libertà tal-media, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-arti fl-UE;

M. billi huwa essenzjali li fil-miżuri kollha meħuda mill-Istati Membri u mill-UE, id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet ċivili jiġu rispettati, inkluż ir-rispett għall-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għad-difiża, id-dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ ġust, għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni u l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon; billi s-sorveljanza demokratika effettiva tal-miżuri ta' sigurtà hija essenzjali; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej għandha tippreserva d-drittijiet u l-libertajiet tagħhom; billi, tassew, dawn iż-żewġ prinċipji huma żewġ naħat tal-istess munita;

N. billi kull limitazzjoni għad-drittijiet u għal-libertajiet rikonoxxuti mill-Karta huma soġġetti għall-prinċipju ta' proporzjonalità u neċessità f'konformità mal-Artikolu 52 tal-Karta;

O. billi l-kompetenzi tal-Istati Membri jridu jiġu rrispettati rigward is-servizzi ta' intelligence f'konformità mal-Artikolu 72 tat-TFUE;

P. billi d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha jiddikjara li l-Istati Membri m'għandhomx jimponu obbligu ġenerali fuq il-fornituri, meta jipprovdu servizzi ta' trażmissjoni, ħżin u hosting, li jimmonitorjaw l-informazzjoni li jittrażmettu jew jaħżnu, u lanqas obbligu ġenerali biex ikunu attivament imfittxija fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attività illegali;

Q. billi, skont il-Kummissjoni, 75 miljun persuna jisfaw vittmi tal-kriminalità madwar l-UE kull sena;

R. billi t-traffikar tal-bnedmin huwa reat serju, li spiss jitwettaq fi ħdan il-qafas tal-kriminalità organizzata, li jirrappreżenta theddida serja għad-dinjità tal-bniedem,

---

1 ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

jikkostitwixxi wieħed mill-agħar tipi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, jaffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa u l-bniet u huwa espliċitament projbit mill-Karta;

S. billi t-traffikar għall-iskop ta' sfruttament sesswali għadu jikkostitwixxi l-aktar forma mifruxa; billi 76 % tal-vittmi rreġistrati fl-UE huma nisa; billi 70 % tal-vittmi identifikati tat-traffikar tal-bnedmin fl-UE huma ċittadini tal-UE;

T. billi d-Direttiva 2011/36/UE tintroduċi dispożizzjonijiet komuni, waqt li tqis il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta' reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tagħhom;

U. billi t-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali huma żewġ fenomeni differenti ħafna, iżda, f'xi każijiet, jista' jkun hemm rabta bejniethom;

V. billi d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, il-ksenofobija, id-diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda motivati minn razziżmu jew ksenofobija, jew minn preġudizzji kontra r-reliġjon jew it-twemmin, l-età, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru persuna, jheddu l-valuri ċentrali tal-UE u l-Istati Membri tagħha; billi hemm żieda fid-diskors ta' mibegħda fost il-forzi politiċi u ksenofobija li qed tikber u preġudizzji oħra f'setturi importanti tal-popolazzjoni, inkluż permezz tal-internet; billi l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu u l-ksenofobija hija kruċjali biex jiġi żgurat ir-rispett għall-valuri Ewropej tat-tolleranza, id-diversità u r-rispett reċiproku;

W. billi l-persuni jaf ikunu esposti għal diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali; billi l-politiki mmirati lejn bażi waħda ta' diskriminazzjoni għandhom jagħtu attenzjoni lis-sitwazzjoni ta' gruppi speċifiċi li hemm probabilità li jkunu vittmi ta' diskriminazzjoni multipla li tista' tkun ibbażata, fost affarijiet oħra, fuq l-età, ir-razza, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali, il-ġeneru jew id-diżabilità;

X. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-UE, u kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru hija pprojbita;

Y. billi l-vjolenza fuq in-nisa tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali li jolqot il-livelli kollha tas-soċjetà, irrispettivament mill-età, l-edukazzjoni, l-introjtu, il-pożizzjoni soċjali jew il-pajjiż ta' oriġini jew ta' residenza; billi l-inugwaljanza bejn is-sessi u l-istereotipi bbażati fuq il-ġeneru jżidu r-riskju tal-vjolenza u forom oħra ta' sfruttament u jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fl-oqsma kollha tal-ħajja;

Z. billi, skont l-informazzjoni mill-istħarriġ "Violence against Women" tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, waħda minn kull tliet nisa fl-UE esperjenzat vjolenza fiżika jew sesswali mill-età ta' 15-il sena, filwaqt li waħda minn kull għaxra kienet vittma ta' xi forma ta' vjolenza sesswali u waħda minn kull għoxrin ġiet stuprata minn dik l-età;

AA. billi l-vjolenza sessista u l-vjolenza fuq in-nisa għadhom ta' spiss jiġu ttollerati "fis-silenzju" f'ħafna postijiet, u ħafna drabi ma jiġux irrappurtati lill-pulizija minħabba n-nuqqas ta' fiduċja tal-vittmi fl-awtoritajiet; billi huwa meħtieġ approċċ ta' tolleranza żero;

AB. billi s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi huma kompetenza tal-Istati Membri; billi, madankollu, l-UE tista' tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri;

AC. billi huwa neċessarju li jiġi ggarantit aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa, inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva, irrispettivament mis-sitwazzjoni ekonomika u ġeografika, u s-sitwazzjoni tad-diżabilità tan-nisa;

AD. billi t-tfal huma l-futur tas-soċjetà tagħna u aħna responsabbli għall-preżent tagħhom; billi l-edukazzjoni hija waħda mill-aħjar modi biex jingħataw valuri bħalma huma l-paċi, it-tolleranza, il-koeżistenza, l-ugwaljanza, il-ġustizzja u r-rispett tad-dinjità tal-bniedem permezz tal-edukazzjoni formali, mhux formali u informali f'konformità mal-Artikolu 14 tal-Karta;

AE. billi l-linji telefoniċi għall-għajnuna għat-tfal, is-servizzi ta' informazzjoni u għodod simili huma utli bħala mekkaniżmi ta' sensibilizzazzjoni, riferiment għal konsulenti u rappurtar għal każijiet relatati mal-ksur tad-drittijiet tat-tfal;

AF. billi x-xandir dirett ta' abbuż sesswali tat-tfal m'għadux tendenza emerġenti ġdida, iżda realtà stabbilita; billi t-tfal huma f'riskju ta' ħsara permezz ta' grooming u solleċitazzjoni fuq l-internet għal finijiet sesswali, li fl-aktar każijiet serji jista' jwassal għal koerċiżżjoni sesswali u forom jew abbużi oħra, u mhux qed issir azzjoni biżżejjed għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal permezz ta' programmi edukattivi, u lanqas biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-netwerks tal-pedofilija;

AG. billi d-dritt tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data personali huwa partikolarment importanti fir-rigward tat-tfal, li jirrappreżentaw l-aktar parti indifiża tas-soċjetà;

AH. billi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal, it-tfal mhux akkumpanjati jew separati m'għandhomx, bħala regola ġenerali, jiġu detenuti, u t-tqegħid tagħhom f'ambjent sikur li jipprovdi l-protezzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni kollha meħtieġa għandu jkun żgurat;

AI. billi r-rispett tad-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi huwa wieħed mill-prinċipji sisien tal-UE; billi l-protezzjoni effettiva tal-minoranzi jeħtieġ li tissaħħaħ; billi, fid-dawl taż-żieda fil-populiżmu u l-estremiżmu, il-koeżistenza mal-minoranzi u r-rispett tagħhom għandhom jiġu promossi; billi l-minoranzi jikkontribwixxu għar-rikkezza u d-diversità tal-Ewropa; billi l-kriżi tal-migrazzjoni wasslet għal nuqqas ta' fiduċja u mibegħda li qed tiżdied fil-konfront tal-komunitajiet ta' minoranzi fl-Ewropa;

AJ. billi r-Rapport tal-2016 tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar id-Dirritijiet Fundamentali sab li d-diskriminazzjoni u l-anti-Żingariżmu għadhom qed joħolqu sfidi għall-integrazzjoni effettiva tar-Rom; billi, skont l-istħarriġ tal-2015 tal-Ewrobarometru dwar id-diskriminazzjoni, l-oriġini etnika hija kkunsidrata bħala l-aktar raġuni prevalenti ta' diskriminazzjoni;

AK. billi l-persuni Rom fl-Ewropa, individwalment jew bħala grupp, jiffaċċaw l-anti-Żingariżmu, il-preġudizzju sistematiku, ir-razziżmu, l-intolleranza, l-ostilità, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali fil-ħajja tagħhom ta' kuljum; billi s-segregazzjoni tat-tfal Rom fl-iskejjel għadha problema persistenti fil-parti l-kbira tal-Istati Membri; billi d-diskriminazzjoni tar-Rom fis-suq tax-xogħol ma tippermettilhomx li jtejbu l-abilità tagħhom li jaħarbu miċ-ċirku vizzjuż tal-faqar;

AL. billi l-importanza tad-drittijiet soċjali fundamentali hija rikonoxxuta fl-Artikoli 8, 9, 10, 19 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-istess kif inhi fil-

ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, u b'hekk hu enfasizzat il-fatt li dawn id-drittijiet, u partikolarment id-drittijiet tat-trade unions, id-dritt tal-istrajk, id-dritt ta' assoċjazzjoni u d-dritt ta' għaqda, iridu jingħataw l-istess salvagwardji bħad-drittijiet fundamentali l-oħra rikonoxxuti mill-Karta;

AM. billi huma biss 27 % tal-Ewropej li huma familjari man-numru tat-telefon ta' emerġenza uniku Ewropew 112, u mhux kulħadd għandu aċċess għalih;

AN. billi l-Istati Membri kollha huma obbligati jipproteġu kull persuna, inklużi l-persuni LGBTI, minn kull tip ta' diskriminazzjoni u vjolenza; billi kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni u vjolenza abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru għandu jiġi kkundannat;.

AO. billi, skont riċerka fil-post tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, l-u l-istereotipi u l-attitudnijiet soċjali negattivi prevalenti jirrappreżentaw ostaklu ewlieni biex jiġu indirizzata d-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTI;

AP. billi, skont l-istudju tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, il-persuni trans li wieġbu indikaw l-ogħla livell ta' diskriminazzjoni, vjolenza u fastidju fost is-sottogruppi tal-persuni LGBTI;

***Protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u d-dinjità***

1. Itenni li d-dinjità tal-bniedem hija l-bażi invjolabbli tad-drittijiet fundamentali kollha, li m'għandha tkun soġġetta għal ebda strumentalizzazzjoni, u li għandha tkun irrispettata u protetta fl-inizjattivi kollha tal-UE; jitlob sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini tal-UE dwar id-dinjità inerenti tal-persuni kollha sabiex tinkiseb soċjetà aktar umana u ġusta;

2. Jikkundanna l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza fl-UE fuq il-bnedmin kollha, peress li tikkostitwixxi ksur dirett tad-dinjità tal-bniedem;

3. Itenni t-talba tiegħu għar-rispett tad-dinjità fi tmiem il-ħajja; jissottolinja li l-piena tal-mewt tmur kontra l-valuri fundamentali tal-UE;

4. Jenfasizza li l-adeżjoni tal-Unjoni mal-KEPD hija obbligu tat-Trattat skont l-Artikolu 6(2) tat-Trattat UE; jinnota li dan isaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE u jistenna li l-ostakli legali għall-adeżjoni jiġu eliminati malajr kemm jista' jkun;

***Stat tad-dritt***

5. Jenfasizza li d-drittijiet fundamentali huma universali, indiviżibbli u dejjem komplementari, u li għalhekk irid jinstab bilanċ ġust bejn id-drittijiet ta' kulħadd f'soċjetà għanja u diversa; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiġu implimentati bis-sħiħ, kemm fl-UE kif ukoll fil-leġiżlazzjoni nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tibda proċeduri ta' ksur kull meta Stat Membru jikser il-Karta fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE;

6. Ifakkar li fir-relazzjonijiet tagħha mad-dinja fuq skala usa', l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni ta' dawn id-drittijiet fir-relazzjonijiet esterni, kif ukoll fil-politiki interni b'konsegwenzi esterni;

7. Ifakkar li huwa essenzjali li jiġi ggarantit li l-valuri komuni Ewropej elenkati fl-Artikolu 2 tat-Trattat UE jiġu rispettati bis-sħiħ, kemm fil-leġiżlazzjoni Ewropea kif ukoll fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, kif ukoll fil-politiki pubbliċi u l-implimentazzjoni tagħhom; jemmen li sabiex jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt, l-atturi rilevanti kollha fil-livell nazzjonali jeħtieġ li jintensifikaw l-isforz tagħhom biex huwa jinżamm u jissaħħaħ; jinnota li ġudikatura effiċjenti, indipendenti u imparzjali hija essenzjali għall-istat tad-dritt;

8. Jinnota li l-iskambji regolari mal-istituzzjonijiet tal-UE, u fost l-Istati Membri nfushom, ibbażati fuq kriterji oġġettivi u valutazzjonijiet kuntestwali, jistgħu jtaffu jew jipprevjenu kwalunkwe problema dwar l-istat tad-dritt fil-ġejjieni; itenni t-talba tiegħu għall-istabbiliment ta' Patt tal-Unjoni dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali, li għandu jikkonsisti f'rapport annwali b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż; iqis li dan ir-rapport għandu jitfassal permezz ta' varjetà ta' sorsi, inkluża l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kunsill tal-Ewropa jew rapporti tan-NU, u għandu jinkorpora u jikkumplementa strumenti eżistenti, bħal pereżempju t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja, u jisostitwixxi l-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika għar-Rumanija u l-Bulgarija;

9. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill jorganizza regolarment dibattiti dwar l-istat tad-dritt; Iqis li l-Patt tal-Unjoni jenħtieġ li jinkorpora l-Qafas tal-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni u d-Djalogu dwar l-Istat tad-Dritt tal-Kunsill fi strument uniku tal-Unjoni, u li l-Kunsill jenħtieġ li jsawwar id-dibattitu tiegħu abbażi tar-rapport annwali b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż;

10. Ifakkar li d-drittijiet fundamentali jenħtieġ li jiġu inklużi bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt għall-proposti leġiżlattivi kollha;

11. Jenfasizza li l-libertà ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini Ewropej u tal-familji tagħhom, kif stabbilit fit-Trattati u garantit mid-Direttiva dwar il-Libertà ta' Moviment hija wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej;

12. Jirrikonoxxi li n-newtralità tal-Istat hija essenzjali għall-protezzjoni tal-libertà ta' ħsieb, ta' kuxjenza u ta' reliġjon, billi jiġi ggarantit trattament ugwali tar-reliġjonijiet kollha u t-twemmin kollu, u l-libertà ta' kull persuna li tipprattika r-reliġjon tal-għażla tagħha u li tibdel ir-reliġjon jew it-twemmin;

13. Ifakkar li l-libertà ta' espressjoni, ta' informazzjoni u tal-media hija fundamentali biex jiġu żgurati d-demokrazija u l-istat tad-dritt; jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza, il-pressjoni u t-theddid kontra ġurnalisti u l-media; jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jistipulaw kwalunkwe miżura li tillimita l-libertà tal-media, il-komunikazzjoni u l-informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tikkonċentra fuq skala ikbar, tul il-proċess ta' negozjati ta' adeżjoni, fuq il-konformità anki fir-rigward ta' dawn id-drittijiet fundamentali;

14. Itenni t-talba tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jeżaminaw il-possibilità li tiġi stabbilita skema ta' protezzjoni u jipprovdu salvagwardji għas-sorsi tal-ġurnalisti;

15. Jesprimi tħassib dwar il-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet f'xi Stati Membri, li spiss huma kkaratterizzati minn iffullar u trattament ħażin; jinnota li d-drittijiet fundamentali tal-ħabsin iridu jiġu ggarantiti; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tas-sistema ġudizzjarja tal-ħabs u dik kriminali fuq it-tfal; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-

Istati Membri f'dan ir-rigward, u biex tiffaċilita skambju tal-aħjar prattiki bejn awtoritajiet nazzjonali differenti dwar mudelli differenti ta' garanzija ta' relazzjoni bejn il-ġenituri li qed jiskontaw sentenza ta' ħabs u uliedhom;

16. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu fir-rigward tal-użu ta' tekniki ta' interrogazzjoni msaħħa, li huma pprojbiti skont id-dritt internazzjonali u li jiksru, fost l-oħrajn, id-drittijiet tal-libertà, is-sigurtà, it-trattament dinjituż, il-libertà mit-tortura, il-preżunzjoni tal-innoċenza, il-proċess ġust, il-konsulenza legali u l-protezzjoni ugwali skont il-liġi;

17. Itenni l-appell tiegħu biex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont għal ksur fuq skala wiesgħa tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fil-kuntest tat-trasport u d-detenzjoni illegali ta' priġunieri, permezz ta' investigazzjonijiet miftuħa u trasparenti;

18. Jenfasizza li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jiġġieldu l-korruzzjoni sistematika, jiżviluppaw strumenti effettivi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u s-sanzjonijiet tagħha, jimmonitorjaw b'mod regolari l-użu tal-fondi pubbliċi, kemm dawk Ewropej kif ukoll dawk nazzjonali, u biex jippromwovu t-trasparenza;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta strateġija kontra l-korruzzjoni li tkun ikkumplementata minn strumenti effettivi; jistieden lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rapport tal-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni; iħeġġiġhom isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jistieden, għal dan il-għan, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jiffaċilitaw l-istabbiliment rapidu tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u b'hekk jipprovdu garanziji adegwati ta' indipendenza u effiċjenza;

***Migrazzjoni, integrazzjoni u inklużjoni soċjali***

*Integrazzjoni u inklużjoni soċjali*

20. Iqis li l-inklużjoni u l-integrazzjoni soċjali tal-migranti u r-rifuġjati mogħtija protezzjoni internazzjonali fis-soċjetà ospitanti huma parti minn proċess dinamiku u multidimensjonali (li jinvolvi drittijiet u obbligi) fejn ir-rispett tal-valuri li fuqhom hija mibnija l-UE jrid ikun parti integrali, kif irid ikun ir-rispett tad-drittijiet fundamentali ta' dawk ikkonċernati; jemmen li dan jirrappreżenta sfida u opportunità li tirrikjedi sforzi kkoordinati u l-assunzjoni ta' responsabilitajiet, kemm min-naħa tar-rifuġjati u l-migranti kif ukoll mill-Istati Membri, l-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali tagħhom u l-komunitajiet ospitanti, li kollha għandhom rwol importanti;

21. Jistieden lill-Istati Membri japplikaw politika ta' integrazzjoni kemm jista' jkun malajr u b'riżorsi adegwati ddedikati, u biex jifformulawhom b'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet nazzjonali, gvernijiet lokali, l-iskejjel u l-NGOs, kif ukoll mal-komunitajiet tal-migranti u r-rifuġjati; iħeġġeġ skambju akbar tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-integrazzjoni; jitlob li jitfasslu programmi edukattivi li jqisu l-aspetti reġjonali u lokali tal-komunitajiet ikkonċernati;

22. Iqis li l-aċċess għall-edukazzjoni huwa wieħed mill-pedamenti għall-integrazzjoni tal-migranti u r-rifuġjati; jenfasizza l-fatt li l-prinċipji ta' trattament ugwali, ta' nondiskriminazzjoni u ta' opportunitajiet indaqs għandhom jeħtiġilhom jiġu żgurati fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika u l-miżuri ta' inklużjoni soċjali u integrazzjoni;

23. Itenni li t-tolleranza interkulturali u interreliġjuża jeħtieġ li tiġi promossa permezz ta' sforzi kostanti u djalogu estensiv li jinvolvi l-atturi kollha fis-soċjetà, u fil-livelli kollha ta' governanza;

24. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfittxu li jżommu l-familji flimkien, u dan jgħin il-prospetti ta' integrazzjoni fit-tul; jistieden lill-Istati Membri jsegwu l-linji gwida tal-Kummissjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja; jissottolinja li l-Istati Membri jeħtiġilhom jagħmlu kull sforz biex jegħlbu l-ostakli legali u prattiċi biex jaslu għal deċiżjonijiet b'aktar ħeffa dwar din il-kwistjoni;

***Migranti u rifuġjati***

25. Jinnota bi tħassib l-inċidenti fir-rigward tal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-migranti u r-rifuġjati fil-fruntieri esterni tal-UE, u jtenni li l-bnedmin kollha huma intitolati li jgawdu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom; ifakkar fid-dritt fundamentali li persuna titlob asil; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiddedikaw riżorsi biżżejjed biex joħolqu rotot sikuri u legali għall-persuni li jfittxu asil biex jimminaw il-mudell kummerċjali tan-netwerks ta' traffikar u tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' persuni, kif ukoll biex jeħilsu lil bosta persuni mir-riskju li jaqbdu rotot perikolużi; ifakkar li s-salvataġġ tal-ħajjiet huwa att ta' solidarjetà ma' dawk fir-riskju, iżda li huwa wkoll obbligu legali; jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jirrispettaw id-dritt internazzjonali u tal-UE, kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, meta jwettqu azzjonijiet ta' gwardji tal-fruntieri u l-proċeduri tal-asil; jirrimarka li persuni fiżiċi jew l-NGOs li ġenwinament jgħinu lil persuni f'diffikultà ma għandhomx jissograw piena talli jipprovdu tali assistenza;

26. Jilqa' l-fatt li r-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta li ġie adottat reċentement (EBCG) jipprevedi mandat speċifiku biex l-Aġenzija EBCG tappoġġja l-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, kif ukoll biex tiżgura s-salvagwardji dwar id-drittijiet fundamentali stabbiliti f'dan ir-Regolament; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu taħriġ adegwat għall-professjonisti fil-qasam tal-asil (bħal dawk li jagħmlu interrogazzjoni u l-interpreti) sabiex jiġu identifikati l-gruppi vulnerabbli mill-aktar fis possibbli, u biex it-talbiet għall-asil jiġu pproċessati b'mod konformi mad-Direttiva dwar Kwalifiki għall-Asil u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiggarantixxu kundizzjonijiet ta' akkoljenza li ma jċaħħdux il-persuni mid-drittijiet fundamentali tagħhom għal standard ta' għajxien dinjituż u għas-saħħa fiżika u mentali, u li jkunu konformi mad-drittijiet fundamentali eżistenti u l-leġiżlazzjoni dwar l-asil, filwaqt li jagħtu attenzjoni lill-gruppi l-aktar vulnerabbli; ifakkar li kemm id-dritt internazzjonali kif ukoll il-Karta jeżiġu li l-Istati Membri jeżaminaw alternattivi għad-detenzjoni; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-identifikazzjoni effettiva u bikrija ta' persuni bi bżonnijiet speċjali li jfittxu asil, l-aċċess immedjat tagħhom għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza adattati u l-għoti ta' garanziji proċedurali; ifakkar li d-dritt ta' aċċess effettiv għall-proċeduri hija parti integrali tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv, anki fi proċeduri kriminali; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tingħata informazzjoni u tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tad-detenzjoni tal-migranti u tal-persuni li jfittxu asil fl-Istati Membri;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 862/2007

sabiex jinkludi data statistika differenzjata skont il-ġeneri dwar l-operazzjoni tal-faċilitajiet ta' detenzjoni, sabiex wieħed jifhem aħjar il-ħtiġijiet speċifiċi tar-rifuġjati u l-persuni li jfittxu l-asil u jirreaġġixi għalihom aħjar; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki komprensivi biex itemmu l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, u miżuri speċifiċi biex jiġi żgurat li n-nisa rifuġjati u n-nisa li jfittxu asil jiġu protetti u jkollhom aċċess għall-ġustizzja; jenfasizza li n-nisa migranti jistgħu jiffaċċaw diskriminazzjoni doppja fiċ-ċentri ta' detenzjoni jew ta' akkoljenza, u jeħtieġ li jkollhom aċċess għal provvisti tal-iġjene femminili, privatezza u kura tas-saħħa;

29. Jesprimi tħassib dwar rapporti ta' ġestjoni tal-fondi għall-akkoljenza tal-migranti infiltrata mill-kriminalità organizzata, u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-użu ta' dawn il-fondi, u tiżgura li kwalunkwe irregolarità tiġi investigata u dawk responsabbli jitressqu l-qorti;

30. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jinċitaw il-biża' u l-mibegħda fost iċ-ċittadini tagħhom lejn il-migranti u l-persuni li jfittxu asil biex isir gwadann politiku; jitlob, għalhekk, lill-Istati Membri jiżviluppaw kampanji pożittivi bil-għan li jgħinu liċ-ċittadini jaffrontaw l-integrazzjoni b'mod aħjar;

31. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni għadha ma rnexxilhiex issegwi r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament tal-14 ta' Settembru 2011 dwar strateġija tal-UE għal persuni mingħajr dar[1] u tas-16 ta' Jannar 2014 dwar strateġija tal-UE għal persuni mingħajr dar[2], u b'mod partikolari l-paragrafi 10 u 11 tagħha; jenfasizza li r-raġunijiet għal strateġija tal-UE għall-persuni mingħajr dar għadhom validi;

***Libertà u sigurtà***

32. Jilqa' l-inizjattivi u l-azzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil qasam tas-sigurtà bejn l-Istati Membri u li jiġi stabbilit rispons effettiv tal-UE għat-theddid tat-terroriżmu u t-theddid għas-sigurtà fl-Unjoni Ewropea, u jappoġġja bis-sħiħ miżuri biex titwitta t-triq lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkooperaw bis-sħiħ ma' xulxin, u biex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni bejniethom u mal-Europol u aġenziji Ewropej rilevanti oħra; jenfasizza l-importanza li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; jitlob li ssir evalwazzjoni tal-miżuri eżistenti għall-ġlieda kontra t-terroriżmu;

33. Jenfasizza li kwalunkwe sistema ta' sorveljanza indiskriminata tal-massa tikkostitwixxi interferenza serja fid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini; jenfasizza li kwalunkwe proposta leġiżlattiva fl-Istati Membri relatata ma' kapaċitajiet ta' korpi ta' intelligence jenħtieġ li dejjem tkun konformi mal-Karta u l-prinċipju ta' proporzjonalità u neċessità u, filwaqt li jirrikonoxxi l-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-konformità ta' tali żviluppi leġiżlattivi mat-Trattati, peress li dawn potenzjalment iqajmu kwistjonijiet legali importanti;

34. Jenfasizza li Stat Membru, kull meta jieħu miżuri f'sitwazzjoni ta' emerġenza, jenħtieġ li dejjem jikkonforma mat-Trattati u l-KEDB; jirrimarka li kwalunkwe deroga għandha tkun limitata għal dak li s-sitwazzjoni tirrikjedi strettament u trid tkun konsistenti mal-obbligi tal-Istat Membru inkwistjoni skont id-dritt internazzjonali;

---

[1] ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 101.
[2] Testi adottati, P7_TA(2014)0043.

35. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri kollha biex jiżguraw li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza fil-qasam tas-servizzi ta' intelligence ikunu konformi mal-Karta u mal-KEDB;

36. Jitlob li l-aġenziji u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jaħdmu kontra r-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu, inklużi dawk fil-livell lokali u reġjonali, ikunu involuti f'dawn l-isforzi u biex jiżguraw li dawn jirċievu t-taħriġ u l-informazzjoni meħtieġa għal xogħolhom; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fl-ostilità fir-rigward tal-ġurnalisti u l-mezzi tax-xandir minn movimenti politiċi, reliġjużi u terroristiċi; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lill-ġurnalisti u lill-mezzi tax-xandir bi protezzjoni adegwata, u biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa, billi jużaw il-mezzi legali għad-dispożizzjoni tagħhom, kontra l-attakki fuq il-ġurnalisti;

37. Jenfasizza li t-trattament xieraq tal-vittmi, inklużi l-vittmi tat-terroriżmu, huwa essenzjali biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali; jitlob, f'dan ir-rigward, li jkun hemm politiki u mekkaniżmi b'saħħithom biex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet tal-vittmi, inkluż permezz tal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE), biex jiġi żgurat li l-persuni li jisfaw vittmi tal-kriminalità fl-UE jibbenefikaw minn sett minimu ta' drittijiet;

38. Jemmen li politika komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ ta' ċittadini tal-Unjoni minn organizzazzjonijiet terroristiċi tista' tkun ta' suċċess jekk tkun akkumpanjata minn proċessi ta' deradikalizzazzjoni proattivi u fit-tul fl-isfera ġudizzjarja, permezz ta' miżuri ta' edukazzjoni u integrazzjoni u ta' djalogu interkulturali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati strateġiji dwar l-inklużjoni u l-integrazzjoni soċjali li jindirizzaw ukoll id-diskriminazzjoni li xxekkel l-aċċess għall-edukazzjoni, l-impjiegi u l-akkomodazzjoni;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, li jridu jiffokaw fuq il-promozzjoni tal-valuri Ewropej, it-tolleranza u l-komunità, mingħajr stigmatizzazzjoni, u jistieden ukoll lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward;

40. Jikkunsidra l-applikazzjoni konsistenti tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni bħala parti minn strateġija għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u biex tiffavorixxi d-deradikalizzazzjoni tal-persuni li jagħmlu parti minn organizzazzjonijiet estremisti; ifakkar li l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni kontra l-komunitajiet reliġjużi fl-Unjoni Ewropea jistgħu joħolqu kundizzjonijiet fertili biex individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jingħaqdu ma' organizzazzjonijiet estremisti li jistgħu jkunu vjolenti;

41. Jemmen li għandha tiġi stabbilita sistema Ewropea ta' twissija bikrija u rispons biex jiġu identifikati gruppi li huma f'riskju għoli ta' radikalizzazzjoni; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħmlu sforzi akbar, permezz tal-edukazzjoni, għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu inizjattivi fl-internet bil-għan li jiġu miġġielda l-ideat u l-attivitajiet ta' gruppi radikali, u jinkorporaw din id-dimensjoni f'lezzjonijiet l-iskejjel dwar il-prevenzjoni tar-riskji li jeżistu fl-internet; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħmlu sforzi akbar biex jgħinu lill-familji ta' dawk li jinsabu f'riskju; jitlob li jiġu skambjati l-aħjar prattiki u jinbnew narrattivi biex ikunu miġġielda l-estremiżmu vjolenti, ir-radikalizzazzjoni u d-diskors li jħajjar lin-nies jorganizzaw u jwettqu attakki terroristiċi fl-Ewropa; jenfasizza li hija meħtieġa kooperazzjoni transfruntiera aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej bil-ħsieb li jittejbu l-iskambji ta' informazzjoni sabiex n-netwerks terroristiċi

jiġu miġġielda b'mod aktar effiċjenti;  iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-istrumenti ta' kooperazzjoni eżistenti sal-punt massimu possibbli; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki fir-rigward tal-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni ta' persuni fir-riskju, b'mod partikolari fil-ħabsijiet;

42. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinfurzaw l-istandards li jiggarantixxu li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti (CPT) u tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) jiġu implimentati fil-kuntest kemm tad-detenzjoni qabel il-proċess kif ukoll tal-piena kriminali;

43. Itenni r-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-Mandat ta' Arrest Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-introduzzjoni ta' test tal-proporzjonalità u l-eċċezzjoni għad-drittijiet fundamentali;

***Traffikar ta' persuni***

44. Jistieden lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE jżidu l-isforzi tagħhom rigward in-netwerks ta' traffikar u tal-faċilitaturi kriminali u biex jikkooperaw b'mod iktar intensiv ma' xulxin, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lir-reati kontra t-tfal; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut taħriġ għas-servizzi li jingħataw lill-vittmi jew lill-vittmi potenzjali tat-traffikar, bil-għan li jkunu jistgħu jidentifikaw il-persuni kkonċernati b'mod aktar effettiv u jingħatalhom sostenn xieraq, permezz ta' taħriġ li jiffoka fuq ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-ħtiġijiet ta' persuni f'sitwazzjonijiet partikolarment vulnerabbli;

45. Jinnota li r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin juri li t-teknoloġiji l-ġodda jippermettu lill-gruppi ta' kriminalità organizzata jkollhom aċċess għal grupp kbir ta' vittmi potenzjali fuq skala ħafna akbar minn qatt qabel, minħabba li ħafna vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, speċjalment għal sfruttament sesswali u tax-xogħol, jiġu reklutati mill-internet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-użu ta' teknoloġiji ġodda bħala għodda ta' reklutaġġ l-aktar ta' nisa u bniet, bħala vittmi tat-traffikar tal-bnedmin;

46. Jenfasizza li l-vulnerabilità tat-tfal tagħmilhom mira preferuta għat-traffikanti, u li l-identifikazzjoni u l-verifikazzjoni tal-identità ta' tfal li huma vittmi tat-traffikar hija problema li qed tikber; ifakkar li xi Stati Membri jikkunsidraw it-traffikar tat-tfal bħala forma separata ta' sfruttament waqt li oħrajn jinkludu l-vittmi tfal mal-adulti, u dan qed ixekkel il-possibilità li tinħoloq stampa ta' intelligence komprensiva u li jiġu definiti l-aħjar reazzjonijiet investigattivi fil-livell tal-UE;  jitlob, għalhekk, li jinħolqu għodda li jgħinu biex jinżamm rekord ta' dawn it-tfal fuq il-bażi ta' definizzjoni komuni ta' dan il-fenomenu tal-kriminalità, u miżuri xierqa u mmirati biex it-tfal jiġu akkkumpanjati fil-proċess;

47. Jinnota li l-ħatra ta' gwardjani għat-tfal mhux akkumpanjati hija garanzija importanti li tiżgura l-aħjar interessi tagħhom; jistieden lill-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu f'livelli ċentrali, reġjonali u lokali, biex isaħħu s-sistemi ta' tutela għat-tfal neqsin mill-kura tal-ġenituri u t-tfal mhux akkumpanjati, u biex jistabbilixxu dawn is-sistemi skont il-Manwal ta' Tutela għat-tfal neqsin mill-kura tal-ġenituri; jinnota li, waqt l-implimentazzjoni tas-sistema, jeħtieġ li ssir enfasi speċjali fuq il-persuni li jkunu qed jakkumpanjaw lit-tfal u, fid-dawl tal-aħjar interessi tat-tfal, fuq il-fatt li t-tfal ma jiġux

separati mill-familja jew mill-akkumpanjament mhux formali;

48. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu sforzi ugwali biex jidentifikaw, jipproteġu u jassistu lill-vittmi tal-forom kollha ta' sfruttament, billi jinkludu b'mod attiv is-sħab soċjali, is-settur privat, it-trade unions u s-soċjetà ċivili, u jiggarantixxu r-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' protezzjoni għall-vittmi fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ u korrett id-Direttiva tal-UE kontra t-traffikar, partikolarment l-Artikolu 8 tagħha, li jitlob li l-vittmi ma jiġux kriminalizzati, kif ukoll id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u jħeġġeġ lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi l-iskambji tal-aħjar prattiki, bl-appoġġ tal-koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar tal-UE u fil-qafas tan-Netwerk tal-UE tar-Rapporteurs Nazzjonali jew mekkaniżmi ekwivalenti dwar it-traffikar tal-bnedmin;

49. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri kollha jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin; jenfasizza li kemm l-Istati Membri kif ukoll l-aġenziji rilevanti tal-UE, bħall-Europol, għandhom ikunu appoġġjati fl-isforzi tagħhom biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' dawk li jiffaċilitaw it-traffikar tal-bnedmin; jistieden ukoll lill-Istati Membri biex fl-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom jindirizzaw il-lat tad-domanda tat-traffikar u l-isfruttament tal-bnedmin;

50. Jenfasizza li l-edukazzjoni hija għodda effettiva fil-prevenzjoni tat-traffikar u l-isfruttament tal-bnedmin, u jistieden lill-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu fil-livell ċentrali, reġjonali u lokali, jimplimentaw programmi edukattivi ta' prevenzjoni fil-kurrikuli nazzjonali u biex jippromwovu u jintegraw il-programmi ta' prevenzjoni u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni;

51. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-miżuri għall-prevenzjoni u l-evitar tal-konsum ta' oġġetti u servizzi pprovduti mill-vittmi tat-traffikar tal-bniedem; jenfasizza li miżuri bħal dawn għandhom jiġu inkorporati fl-istrateġija Ewropea għall-ġlieda kontra din il-pjaga, u fiha għandhom jiġu involuti wkoll il-kumpaniji;

52. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu t-traffikar tal-bnedmin għar-rahan bi prattiki tat-tortura bħala sura ta' traffikar tal-bnedmin; iqis li s-sopravissuti ttrawmatizzati b'mod sever għandhom jiġu rikonoxxuti bħala vittmi ta' forma ta' traffikar tal-bnedmin suġġetta għall-prosekuzzjoni u li dawn għandhom jirċievu protezzjoni, kura u appoġġ[1];

***Ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-ksenofobija, u r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda***

53. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda fir-razziżmu u l-ksenofobija fil-forma ta' Afrofobija u anti-Żingariżmu, anti-Semitiżmu, Iżlamofobija u sentimenti antimigranti; jistieden lill-Istati Membri jħarsu l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinkludu d-diskriminazzjoni multipla fil-politiki tal-ugwaljanza; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw il-ħidma dwar l-iskambju tal-aħjar prattiki, u biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, l-omofobija, it-transfobija u forom oħra ta'

[1] Dan it-tip ġdid ta' traffikar diġà ġie introdott bir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-10 ta' Marzu 2016 dwar is-sitwazzjoni fl-Eritrea (Testi adottati, P8_TA(2016)0090).

intolleranza, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u l-kontribuzzjonijiet tal-partijiet interessati rilevanti, pereżempju l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali;

54. Jilqa' l-eżitu tal-Kollokju tal-2015 dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-ħatra ta' Koordinaturi dwar l-anti-Semitiżmu u l-anti-Iżlam; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jikkoordinaw u jsaħħu r-reazzjonijiet tal-politika biex tiġi indirizzata l-mibegħda anti-Semitika u anti-Musulmana, inkluża l-implimentazzjoni immedjata tal-azzjonijiet prinċipali indentifikati fil-Kollokju;

55. Jiddispjaċih li l-proposta għal Direttiva dwar it-Trattament Ugwali tal-2008 għadha pendenti għall-approvazzjoni mill-Kunsill; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill sabiex jadotta l-proposta mill-aktar fis possibbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel progress konkret fuq l-aġenda kontra d-diskriminazzjoni;

56. Jikkundanna l-inċidenti ta' reati u diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija, mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzji kontra d-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna, li jseħħu ta' kuljum fl-UE; jiddeplora l-livelli dejjem jiżdiedu ta' diskorsi ta' mibegħda minn ġewwa ċerti istituzzjonijiet, partiti politiċi u l-media; jistieden lill-UE tagħti l-eżempju billi topponi d-diskors ta' mibegħda fl-istituzzjonijiet;

57. Huwa mħasseb dwar il-preżenza dejjem tiżdied tad-diskors ta' mibegħda fl-internet; jirrakkomanda li l-Istati Membri jistabbilixxu proċedura sempliċi li tippermetti lill-membri tal-pubbliku jirrappurtaw il-preżenza ta' kontenut ta' mibegħda fl-internet; jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni dwar il-Kodiċi ta' Kondotta dwar azzjonijiet kontra d-diskors ta' mibegħda illegali fl-internet, u jinkoraġġixxi l-adeżjoni ma' dan u sforzi kontinwi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-settur privat u mas-soċjetà ċivili; ifakkar li l-miżuri meħuda f'dan ir-rigward ma għandhomx imorru kontra l-prinċipji fundamentali li jirrigwardaw il-libertà tal-espressjoni, inkluż b'mod partikolari l-libertà tal-istampa;

58. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' rappurtar tar-reati ta' mibegħda mill-vittmi minħabba nuqqas ta' salvagwardji u n-nuqqas tal-awtoritajiet li jinvestigaw kif xieraq u sabiex jiksbu l-kundanna ta' reati ta' mibegħda fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw u jxerrdu għodod u mekkaniżmi għar-rappurtar ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda, u biex jiżguraw li kwalunkwe każ ta' allegazzjoni ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda jiġi investigat, jitressaq il-qorti u jiġi ġġudikat skont id-dritt nazzjonali u, meta rilevanti, f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija, l-obbligi Ewropej u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-ġurisprudenza rilevanti tal-QEDB, filwaqt li tiġi żgurata l-libertà ta' espressjoni u informazzjoni kif ukoll ta' privatezza u protezzjoni tad-data;

59. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li għadd ta' Stati Membri għadhom ma ttrasponewx id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI, u jistieden lill-Istati Membri kkonċernati biex jagħmlu dan, u biex jimplimentawha, kif ukoll id-Direttiva 2012/29/UE dwar il-vittmi tal-kriminalità, b'mod sħiħ; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja t-traspożizzjoni ta' dawn l-istrumenti u tniedi proċeduri ta' ksur jekk ikun meħtieġ; jinnota li xi Stati Membri estendew il-protezzjoni mogħtija lill-vittmi ta' diskriminazzjoni bbażata fuq raġunijiet oħra, bħall-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, meta implimentaw id-Deċiżjoni Qafas; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibda djalogu ma' dawk l-Istati Membri li l-leġiżlazzjoni tagħhom ma tkoprix motivazzjonijiet ta' mibegħda omofobika, bil-għan li jimlew il-lakuni leġiżlattivi li fadal;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja programmi ta' taħriġ għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji, u għall-aġenziji rilevanti tal-UE, bil-għan tal-prevenzjoni u l-indirizzar tal-prattiki diskriminatorji u r-reati ta' mibegħda; jistieden lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali reati l-għodda u l-ħiliet prattiċi li jkollhom bżonn biex jidentifikaw u jittrattaw offiżi koperti mid-Deċiżjoni Qafas, u jinteraġixxu u jikkomunikaw mal-vittmi;

61. Jirrikonoxxi li, fin-nuqqas ta' data komparabbli u diżaggregata dwar l-ugwaljanza miġbura mill-Istati Membri, il-firxa sħiħa tal-inugwaljanza fl-UE tibqa' mhux magħrufa; iqis li l-ġbir ta' tali data mill-Istati Membri bħala essenzjali għat-tfassil ta' politiki sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jagħrfu l-ħtieġa ta' data affidabbli u komparabbli dwar l-ugwaljanza li tista' tipprovdi miżuri dwar id-diskriminazzjoni, diżaggregata skont ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni, sabiex tinforma lil min ifassal il-politiki; jistieden liż-żewġ istituzzjonijiet jiddefinixxu prinċipji konsistenti għall-ġbir ta' data dwar l-ugwaljanza, ibbażati fuq l-awtoidentifikazzjoni, l-istandards tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u l-konsultazzjoni tal-komunitajiet rilevanti;

62. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, biex isaħħu r-rwol tal-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-edukazzjoni interkulturali fil-kurrikula nazzjonali bħala għodda għall-prevenzjoni tar-razziżmu u l-forom l-oħra kollha ta' intolleranza, u jitlob il-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet; iqis li edukazzjoni sħiħa dwar id-drittijiet tal-bniedem trid tinkludi wkoll, b'mod adegwat, edukazzjoni dwar inġustizzji tal-passat fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, dwar ir-razziżmu istituzzjonali u dwar l-importanza tal-memorja;

63. Iqis li huwa kruċjali li l-Istati Membri kollha jikkooperaw ma' investigazzjonijiet ġudizzjarji nazzjonali jew internazzjonali li jipprovaw jiċċaraw ir-responsabilitajiet fir-rigward ta' delitti kontra l-umanità kommessi fl-Unjoni minn reġimi totalitarji, u li jipprovaw jaċċertaw il-verità u l-ġustizzja u jiżguraw ir-rimedju għall-vittmi ta' dawn id-delitti; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu t-taħriġ neċessarju għall-persuni legali li jaħdmu f'dan il-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni oġġettiva tas-sitwazzjoni attwali f'tali proċessi bil-għan li titrawwem kommemorazzjoni demokratika fl-Istati Membri kollha; iwissi li n-nuqqas li wieħed jikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet internazzjonali dwar il-kommemorazzjoni demokratika u l-prinċipji ta' ġurisdizzjoni universali huwa ksur tal-prinċipji bażiċi tal-istat tad-dritt;

***Drittijiet tan-nisa u vjolenza fuq in-nisa***

64. Jiddispjaċih li l-ugwaljanza bejn is-sessi għadha ma ntlaħqitx, li f'ħafna oqsma mhu qed isir ebda titjib, u li d-drittijiet fundamentali tan-nisa qed ikomplu jinkisru; jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, bħall-vjolenza domestika, il-qtil għall-unur, iż-żwieġ furzat, it-traffikar u l-mutilazzjoni ġenitali femminili; iqis li dawn il-prattiki qatt ma jistgħu jiġu ġġustifikati u għandhom jiġu kriminalizzati u kkastigati, u li l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-iskambji ta' prattiki tajba u tal-ġbir u l-komparabilità aħjar tad-data dwar il-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa, inkluż dwar diskriminazzjoni multipla; iqis li dawk kollha li jgħixu fl-Ewropa, irrispettivament mill-oriġini kulturali u t-tradizzjoni tagħhom, jeħtiġilhom jirrispettaw il-liġi u d-drittijiet u d-dinjità tan-nisa;

65. Jiddispjaċih li n-nisa u l-bniet ma jgawdux l-istess protezzjoni mill-vjolenza fl-Istati

Membri kollha; jenfasizza li għad hemm bżonn kbir ta' titjib biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet; jistieden lill-UE tiffirma u tirratifika l-Konvenzjoni ta' Istanbul wara t-tnedija tal-proċedura mill-Kummissjoni f'Marzu 2016; ifakkar lill-Istati Membri li l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul ma teżonerahomx milli jiffirmaw, jirratifikaw u jinfurzaw il-Konvenzjoni, u jħeġġiġhom jagħmlu dan; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrevedu l-leġiżlazzjoni eżistenti u jżommu l-kwistjoni ta' vjolenza fuq in-nisa fost il-prijoritajiet fl-aġenda, peress li l-vjolenza sessista m'għandhiex tiġi ttollerata; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta att legali li jistabbilixxi miżuri għall-promozzjoni u l-appoġġ tal-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet;

66. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jmexxu aktar kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex jipprevjenu l-vjolenza u jħeġġu lin-nisa jirrappurtaw ir-reati; iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jimponu pieni adegwati u deterrenti fuq dawk li jiksru l-liġi, u jipproteġu lill-vittmi kollha tal-vjolenza, u d-drittijiet tagħhom, mingħajr dewmien u b'attenzjoni speċjali għall-gruppi vulnerabbli, skont id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva 2011/99/UE dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni biex tiġi żgurata protezzjoni u għajnuna xierqa lin-nisa u l-bniet vittmi ta' vjolenza, kif ukoll id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin bil-għan li jipproteġu lin-nisa u l-bniet mit-traffikar, il-vjolenza u l-isfruttament sesswali; jisħaq fuq il-punt li l-vittmi tal-vjolenza sessista għandhom jirċievu trattament u appoġġ adegwati, f'konformità mar-regoli interni u l-obbligi internazzjonali;

67. Jisħaq fuq il-fatt li sabiex il-vjolenza sessista tiġi miġġielda b'mod effikaċi, jeħtieġ li tinbidel l-attitudni fil-konfront tan-nisa u l-bniet; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu sforz akbar biex jiġġieldu kontra l-istereotipi bbażati fuq il-ġeneru li jirriproduċu u jsaħħu r-rwoli tal-ġenerifl-oqsma ewlenin li fihom dawn l-istereotipi jiġu pperpetwati; jistieden lill-Kummissjoni tikkondividi l-aħjar prattiki tal-Istati Membri biex jiġu indirizzati l-istereotipi bbażati fuq il-ġeneru fl-iskejjel; jistieden lill-Istati Membri biex lill-pulizija, il-persunal ġudizzjarju u lill-imħallfin jipprovdulhom taħriġ ta' sensibilità u kwalunkwe forma oħra ta' taħriġ speċjalizzat li jeħtieġu sabiex jindirizzaw b'mod adegwat il-kwistjoni tal-vjolenza sessista sabiex jiġu evitati trawma u rivittimizzazzjoni ulterjuri matul il-proċedimenti kriminali; jistieden lill-Istati Membri jgħinu lill-awtoritajiet jidentifikaw, b'mod effikaċi, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi tal-vjolenza sessista u jipprovdulhom servizzi ta' protezzjoni speċjali, f'konformità mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi;

68. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu lill-vittmi ta' vjolenza sessita b'numru adegwat ta' postijiet ta' kenn u appoġġ immirat u integrat, inkluż appoġġ u konsulenza f'każ ta' trawma; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġjaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu mal-vittmi ta' vjolenza sessita f'kull mod possibbli;

69. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilità li huma vittmi ta' vjolenza domestika, peress li dawn spiss ma jkunux jistgħu jaħarbu minn relazzjonijiet abbużivi;

70. Jinsab imħasseb serjament dwar il-persistenza tal-prattiki tal-mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF), li hija forma serja ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-għarfien ta' dawk kollha kkonċernati u biex fil-politiki tagħhom kontra l-MĠF jiffokaw fuq il-prevenzjoni; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Istati Membri biex jikkooperaw bis-sħiħ ma' xulxin bil-għan li jtejbu l-ġbir tad-data dwar il-fenomenu u l-

fehim tiegħu, sabiex jottimizzaw ir-riżultati tal-isforzi tagħhom ħalli jipproteġu lin-nisa u t-tfal bniet minn tali mutilazzjoni;

71. Jikkundanna bil-qawwa l-atti frekwenti ta' intimidazzjoni u stupru li jitwettqu f'postijiet pubbliċi fl-Ewropa, u jqis li kull mara u tifla għandha tħossha protetta minn kwalunkwe forma ta' fastidju sesswali fi kwalunkwe post pubbliku; jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri biex jiżguraw li dawn l-atti jiġu sanzjonati kif xieraq, li l-awturi jitressqu quddiem il-ġustizzja u li tingħata protezzjoni lill-vittmi; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jipproteġu lir-rifuġjati nisa u u lin-nisa li jfittxu asil li huma partikolarment vulnerabbli għall-vjolenza waqt li jkunu qed jivvjaġġaw;

72. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol; jiddispjaċih li n-nisa għadhom ibatu minn kundizzjonijiet tax-xogħol diskriminatorji; jenfasizza r-rappreżentanza baxxa tan-nisa fix-xjenza, it-teknoloġija u l-inġinerija, l-intraprenditorija u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku, u jenfasizza li d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa tikkostitwixxi diskriminazzjoni inaċċettabbli; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi biex iżżid ir-rappreżentanza tan-nisa fl-isferi politiċi u ekonomiċi, ittejjeb il-ġbir tad-data dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa u tindirizza l-inugwaljanza bejn is-sessi fil-mezzi tax-xandir billi tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki;

73. Ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tista' tinkiseb biss permezz ta' ridistribuzzjoni ġusta tax-xogħol imħallas u mhux imħallas; jirrikonoxxi li r-rispett għad-drittijiet fundamentali tan-nisa u l-bniet jista' jiġi ggarantit permezz tat-tisħiħ ulterjuri tal-pożizzjoni tagħhom fil-qasam ekonomiku, politiku u soċjali kif ukoll permezz ta' aktar rappreżentanza u inklużjoni; jinnota li, f'dawn l-aħħar snin, tfaċċaw xi movimenti kontra l-ugwaljanza bejn is-sessi li jisfidaw il-kisbiet eżistenti fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

74. Ifakkar li l-faqar fost l-anzjani huwa ta' tħassib partikolari fil-każ tan-nisa, minħabba d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri li għadha teżisti u d-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri li tirriżulta minnha; jistieden lill-Istati Membri jfasslu politiki xierqa biex jappoġġjaw lin-nisa anzjani u jeliminaw il-kawżi strutturali tad-differenzi bejn il-kumpensi tan-nisa u l-irġiel; jissottolinja r-rwol kruċjali ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja fil-ġlieda kontra l-faqar, speċjalment il-faqar fost in-nisa;

75. Josserva li l-ħaddiema domestiċi huma fil-biċċa l-kbira nisa, u jistieden lill-Istati Membri jħaffu l-proċess ta' ratifika u implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-Ħaddiema Domestiċi, wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/51/UE u bħala strument ewlieni biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti;

76. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika miżuri biex tieħu ħsieb il-ħtiġijiet tal-ommijiet u l-missirijiet fir-rigward tat-tipi ta' liv, b'mod partikolari l-liv tal-maternità, tal-paternità, tal-ġenituri u tal-indukraturi; jitlob li tittieħed azzjoni konkreta biex jissaħħu aktar id-drittijiet tal-liv tal-ġenituri; jieħu nota tal-proposta għall-introduzzjoni tal-liv tal-indukraturi, kif previst fil-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni dwar bidu ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-familji li jaħdmu; jistenna li tittieħed azzjoni ulterjuri min-naħa tal-Kummissjoni wara l-irtirar tal-Proposta dwar il-Liv tal-Maternità;

77. Jenfasizza r-riskji involuti fl-użu potenzjali tal-internet u tal-media soċjali u tipi oħra ta' teknoloġija sabiex jiġu kkontrollati, mhedda u umiljati n-nisa, u jisħaq fuq l-importanza

tal-kampanji ta' sensibilizzazzjoni f'dan ir-rigward;

78. Jistieden lill-Kummissjoni, bil-ħsieb li tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod aktar effikaċi, biex tintroduċi l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha tat-tfassil tal-politika, kif ukoll fil-leġiżlazzjoni kollha proposta, fosthom permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt sistematiċi bbażati fuq il-ġeneru bħala parti minn valutazzjoni ta' konformità mad-drittijiet fundamentali, u bħala kriterju integrat fid-djalogi ma', fost oħrajn, pajjiżi li huma kandidati għall-adeżjoni;

79. Jirrikonoxxi li s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa huma marbuta ma' bosta drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għall-ħajja, id-dritt għall-ħelsien mit-tortura, id-dritt għas-saħħa, id-dritt għall-privatezza, id-dritt għall-edukazzjoni u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni; jissottolinja li l-Istati Membri huma obbligati li jirrispettaw, jipproteġu u jissodisfaw is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa u l-bniet kollha, mingħajr koerċizzjoni, diskriminazzjoni u vjolenza; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-punt li l-persuni kollha b'diżabilità huma intitolati li jgawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom fuq bażi ugwali mal-oħrajn;

80. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jirrikonoxxu d-dritt fundamentali għal aċċess għal kura tas-saħħa preventiva; jinsisti fuq ir-rwol tal-Unjoni fis-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tal-aqwa prattiki b'rabta ma' din il-kwistjoni, inkluż fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Saħħa, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri, peress li s-saħħa hija dritt fundamentali tal-bniedem essenzjali biex wieħed ikun jista' jeżerċita d-drittijiet tal-bniedem tiegħu l-oħra. ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-koerenza u l-konsistenza bejn il-politiki interni u dawk esterni relatati mad-drittijiet tal-bniedem huma ta' importanza kbira;

81. Jirrikonoxxi li ċ-ċaħda ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva li kapaċi jsalvaw il-ħajja ta' dak li jkun, inklużi s-servizzi ta' abort biex tissalva ħajja, tikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;

82. Jikkundanna kwalunkwe forma ta' maternità surrogata għal skopijiet kummerċjali;

*Tfal*

83. Jinnota bi tħassib li r-rati tal-faqar għadhom għoljin fl-UE, u li l-għadd ta' tfal li jgħixu fil-faqar qed jiżdied; itenni li l-investiment fuq il-benesseri tat-tfal, u biex dawn jitneħħew mill-faqar, mhuwiex biss obbligu morali, iżda wkoll prijorità soċjali u ekonomika; iħeġġeġ lill-Istati Membri u l-UE jniedu programmi speċifikament immirati lejn il-benesseri u l-iżvilupp b'saħħtu tat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal permezz tal-implimentazzjoni effikaċi tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ" permezz ta' strateġiji integrati li jappoġġjaw l-aċċess għal riżorsi adegwati, li jippermettu aċċess għal servizzi ta' kwalità għall-but ta' kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri ulterjuri biex tissorvelja l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni; jitlob l-istabbiliment ta' linji politiċi u programmi mmirati lejn il-ġlieda kontra l-faqar fl-edukazzjoni li qed jiżdied fost il-minorenni, sabiex tinkiseb l-inklużjoni soċjali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tnedija ta' Garanzija għat-Tfal kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal;

84. Jikkundanna kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni kontra t-tfal, u jilqa' l-adozzjoni

min-naħa tal-Kunsill tal-Ewropa tal-Istrateġija tagħha dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2016-2021), li tiffoka wkoll fuq il-ħtieġa li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontra t-tfal b'diżabilità, it-tfal milquta mill-migrazzjoni, it-tfal Rom u t-tfal LGBTI; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni konġunta biex jeqirdu d-diskriminazzjoni kontra t-tfal; jistieden, b'mod partikolari, lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex b'mod espliċitu jikkunsidraw lit-tfal bħala prijorità meta jipprogrammaw u jimplimentaw politiki reġjonali u ta' koeżjoni, bħall-istrateġija Ewropea dwar id-diżabilità, il-qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom u l-politika tal-UE dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; itenni l-importanza li jiġi protett u promoss l-aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni dinjituża u l-edukazzjoni għat-tfal Rom;

85. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex il-kampanji ta' edukazzjoni pubblika u sensibilizzazzjoni jwettquhom b'mod li jiġbdu l-attenzjoni lejn id-dritt tat-tfal għall-protezzjoni u jippromwovu relazzjonijiet pożittivi u mhux vjolenti mat-tfal;

86. Jikkundanna b'mod ċar kull forma ta' vittimizzazzjoni vjolenti u abużiva tat-tfal fil-livelli kollha, mid-djar għall-iskejjel, mill-postijiet pubbliċi u għaċ-ċentri ta' detenzjoni tal-minorenni; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jgħinu lit-tfal u jipproteġuhom minn kull forma ta' vjolenza fiżika u psikoloġika, inklużi l-abbuż fiżiku u sesswali, l-isfruttament sesswali, it-tħaddim tat-tfal, iż-żwiġijiet sfurzati, il-qtil għall-unur, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u r-reklutaġġ ta' suldati tfal; jisħaq fuq l-importanza li jiddaħħlu dispożizzjonijiet formali li jipprojbixxu u jissanzjonaw is-swat fuq it-tfal, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ it-tagħlim bejn il-pari bejn l-Istati Membri dwar kif l-aħjar jiġi indirizzat il-bullying fl-iskejjel, filwaqt li jqisu l-gruppi vulnerabbli tat-tfal;

87. Jitlob li tiġi stabbilita sistema ta' protezzjoni tat-tfal f'diversi stadji li tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali ta' kull tifel u tifla bbażati fuq l-aħjar interessi tagħhom; jenfasizza li din is-sistema m'għandhiex tkun maħsuba biex tippenalizza l-ġenituri u l-indukraturi, iżda biex tibgħat messaġġ ċar li l-forom kollha ta' vjolenza fiżika u emozzjonali fuq it-tfal huma inaċċettabbli u punibbli bil-liġi, u li s-separazzjoni tat-tfal mill-familja għandha tkun l-aħħar alternattiva; ifakkar li l-kura għat-tfal ipprovduta mill-istat hija dejjem aktar għalja minn appoġġ adegwat u mmirat sew għall-familji li jgħixu fil-faqar; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta Strateġija Ewropea ġdida għad-Drittijiet tat-Tfal;

88. Jitlob sistemi ta' ġustizzja għall-minorenni mmirati lejn it-tfal li fihom it-tfal jifhmu d-drittijiet u r-rwol tagħhom meta jkunu involuti bħala vittmi, xhieda jew dawk li allegatament ikunu wettqu delitt; jitlob li jiġu adottati miżuri speċjali kemm fil-proċedimenti kriminali kif ukoll fil-proċedimenti ċivili bil-għan li t-tfal jiġu protetti minn stress, intimidazzjoni u vittimizzazzjoni ripetuta bla bżonn, filwaqt li titqies id-Direttiva (UE) 2016/800 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal mixlija jew akkużati fi proċedimenti kriminali;

89. Jitlob li l-hotline ta' emerġenza 116 ikun aċċessibbli 24/7 fl-UE kollha għat-tfal, u li jintużaw iċ-chatlines anonimizzati fl-internet, peress li dawn huma ħafna aktar konvenjenti għal tfal f'diffikultà u għandhom jiġu stabbiliti bħala sistema unifikata fl-UE bl-użu ta' lingwi uffiċjali u minoritarji; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw in-numru Ewropew komuni 116111 iddedikat għal helplines tat-tfal billi jsaħħu l-kapaċitajiet tal-hotlines u ċ-chatlines u n-netwerks Ewropej, u billi jallokaw biżżejjed

fondi;

90. Jenfasizza li l-protezzjoni tat-tfal għandha tissaħħaħ fid-dinja diġitali fid-dawl ta' numru dejjem akbar ta' każijiet ta' sfruttament sesswali fejn dawk li jkunu qed iwettqu r-reat jagħmlu użu mill-internet biex jagħmlu kuntatt, u jitlob li jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u s-settur privat f'dan ir-rigward, filwaqt li jitlob lis-settur privat b'mod partikolari biex jerfa' l-parti ta' responsabilità tiegħu, iżomm lura mir-reklamar aggressiv immirat lejn it-tfal u jipproteġihom minn reklamar qarrieqi; iħeġġeġ lil dawk involuti jsegwu l-eżempji tajbin ta' mekkaniżmi ta' prevenzjoni u lment fil-media soċjali online u biex jimplimentawhom fl-UE kollha; huwa tal-fehma, barra minn hekk, li t-tfal għandhom ikunu infurmati sew dwar ir-riskji potenzjali relatati mal-internet, b'mod partikolari meta jipprovdu d-data personali online, pereżempju permezz ta' kampanji u programmi ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel; jisħaq fuq il-fatt li t-tfassil online ta' profili tat-tfal għandu jiġi pprojbit; jappoġġja l-isforzi biex jiġi żgurat eżitu ambizzjuż u effikaċi tar-riforma tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, b'referenza partikolari għall-protezzjoni tat-tfal fl-ambjent diġitali; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-bullying ċibernetiku;

91. Jappella għal pjan ta' azzjoni għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal online u offline fl-ispazju ċibernetiku, u jfakkar li fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jeħtieġ li jagħtu attenzjoni speċjali lir-reati kontra t-tfal; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija bejn l-Istati Membri, l-Europol u ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3), għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, u b'mod partikolari l-isfruttament sesswali tat-tfal;

92. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal; jistieden lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, biex jinvestu f'teknoloġiji ġodda ħalli jiġġieldu r-reati fid-dark web u d-deep web; jisħaq fuq il-punt li l-Eurojust u l-Europol għandhom jingħataw riżorsi adegwati sabiex itejbu l-identifikazzjoni tal-vittmi, jiġġieldu kontra n-netwerks organizzati ta' dawk li jabbużaw sesswalment minn oħrajn u jaċċelleraw is-sejba, l-analiżi u l-indikazzjoni ta' materjal ta' abbuż tat-tfal online u offline;

93. Jemmen li l-politiki tal-inklużjoni għandu jkollhom enfasi aktar qawwija fuq it-tfal peress li t-tfal huma r-rabtiet ta' fehim komuni bejn il-kulturi u s-soċjetajiet;

94. Ifakkar li, skont ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2016 dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, minn tal-anqas 15 % tal-vittmi rreġistrati kienu tfal, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu azzjoni immedjata b'rispons għat-tħabbira tal-Europol li minn tal-anqas 10 000 tifel u tifla rifuġjati u migranti mhux akkumpanjati ġew irrappurtati nieqsa fl-UE fl-2015; jistieden lill-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE jżidu l-kooperazzjoni transfruntiera, l-iskambji tal-informazzjoni u l-investigazzjonijiet konġunti tagħhom bil-għan li jiġġieldu t-traffikar tat-tfal u l-kriminalità organizzata transfruntiera, l-abbuż sesswali u forom oħra ta' sfruttament, u biex jipproteġu lit-tfal; jistieden lill-Istati Membri u lill-aġenziji Ewropej jħaffu l-ħatra ta' gwardjani kwalifikati għat-tfal mhux akkumpanjati u jiżguraw li dejjem jitqies l-aħjar interess tat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jirreġistraw u jidentifikaw lit-tfal b'mod li jinftiehem mit-tfal, u jipprevjenu l-għajbien tagħhom billi jagħmlu mezz li dawn jiddaħħlu f'sistemi nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal; jirrakkomanda li l-għodod eżistenti għal tfal irrapurtati nieqsa jiġu msaħħa, inklużi l-hotlines Ewropej għat-tfal nieqsa; jistieden lill-

Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-kompetenza esperta tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għal dak li jikkonċerna l-protezzjoni tat-tfal u l-protezzjoni ta' nies vulnerabbli fis-sitwazzjoni attwali tal-migrazzjoni, partikolarment fil-hotspots; ifakkar li d-drittijiet tat-tfal, u l-aħjar interess tat-tfal, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati u evalwati fil-politiki u l-azzjonijiet kollha tal-UE, inklużi dawk marbuta mal-migrazzjoni u l-asil;

95. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-programmi li jiffokaw fuq il-prevenzjoni tal-fenomenu tal-abbandun bikri tal-iskola min-naħa taż-żgħażagħ, u jħeġġiġhom ukoll jikkondividu l-aħjar prattiki f'dan il-qasam;

***Drittijiet tal-minoranzi***

96. Jenfasizza l-fatt li l-minoranzi li ilhom sekli sħaħ jgħixu flimkien mal-kulturi ta' maġġoranza fl-Ewropa, jew viċin tagħhom, għadhom iħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni fl-UE; jemmen li s-soluzzjoni għal din il-problema hija marbuta mal-ħtieġa li jiġu stabbiliti standards minimi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi, u li tiġi pprovduta edukazzjoni dwar id-diversità kulturali u t-tolleranza, peress li l-ħarsien tal-wirt kulturali jagħti valur miżjud lid-diversità;

97. Jenfasizza li l-komunitajiet minoritarji għandhom ħtiġijiet speċifiċi u li l-ugwaljanza sħiħa tagħhom għandha tiġi promossa fl-oqsma kollha tal-ħajja ekonomika, soċjali, politika u kulturali; Jisħaq fuq il-punt li huwa essenzjali li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi jiġu rispettati u promossi;

98. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li dawn il-gruppi jħabbtu wiċċhom ma' ostakli meta jiġu biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għall-proprjetà, l-aċċess għall-ġustizzja u servizzi pubbliċi oħra, u għall-edukazzjoni, is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali, kif ukoll id-drittijiet kulturali tagħhom, li kollha jaf jiġu limitati; iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jipprevjenu l-ostakli amministrattivi u finanzjarji li jistgħu jxekklu d-diversità lingwistika fil-livell Ewropew u nazzjonali;

99. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi standard ta' politika għall-protezzjoni tal-minoranzi, peress li l-protezzjoni ta' dawn il-gruppi hija parti mill-kriterji ta' Copenhagen, kemm għall-pajjiżi kandidati kif ukoll għall-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li s-sistema legali tagħhom tiggarantixxi li l-persuni li jappartjenu għal minoranza ma jiġux diskriminati, u li jieħdu u jimplimentaw miżuri ta' protezzjoni mmirati abbażi tan-normi internazzjonali relevanti;

100. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu skambju tal-aħjar prattika u japplikaw soluzzjonijiet ipprovati u eżaminati biex jindirizzaw il-problemi tal-minoranzi fl-Unjoni Ewropea kollha; Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol importanti li jistgħu jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-UE fil-protezzjoni tal-minoranzi, u jqis li r-riorganizzazzjoni amministrattiva m'għandhiex ikollha konsegwenzi negattivi għalihom;

101. Jistieden lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tkompli tirrapporta dwar id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-appartenenza għal minoranza u tkompli tiġbor id-data f'dan ir-rigward;

102. Iħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Karta Ewropea għal-

Lingwi Reġjonali jew Minoritarji; ifakkar ukoll fil-ħtieġa li jiġu implimentati l-prinċipji żviluppati fil-qafas tal-OSKE;

103. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw bir-reqqa l-perspettiva tad-drittijiet tal-minoranzi, biex jiżguraw id-dritt għall-użu ta' lingwa ta' minoranza u jħarsu d-diversità lingwistika fl-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pjan tagħha biex tippromwovi t-tagħlim u l-użu tal-lingwi reġjonali, bħala mod potenzjali biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni bejn il-lingwi fl-UE;

104. Jistieden lill-UE timplimenta r-riżoluzzjoni 1985 tal-APKE (2014) dwar is-sitwazzjoni u d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali fl-Ewropa, filwaqt li tirrispetta għalkollox il-prinċipju tas-sussidjarjetà; jenfasizza li l-helplines uffiċjali u kwalunkwe hotlines ta' emerġenza li jitħaddmu fl-Istati Membri għandhom ikunu aċċessibbli mhux biss fil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż, iżda wkoll fil-lingwi minoritarji u l-lingwi ewlenin tal-UE permezz ta' ridirezzjoni tat-telefonati;

***Drittijiet tal-persuni b'diżabilità***

105. Jilqa' l-osservazzjonijiet finali dwar il-progress tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet bħala opportunità biex tagħti eżempju pożittiv billi tiżgura implimentazzjoni effikaċi u bir-reqqa mill-aktar fis possibbli;

106. Jisħaq fuq il-punt li l-persuni b'diżabilità huma intitolati li jgawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom fuq bażi ugwali ma' oħrajn, inklużi d-drittijiet għal dinjità indiskutibbli, is-saħħa u l-familja, għajxien indipendenti, awtonomija u integrazzjoni soċjali sħiħa, aċċess għall-ġustizzja, il-prodotti u s-servizzi kif ukoll id-drittijiet għall-votazzjoni u d-drittijiet tal-konsumatur, f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-persuni kollha b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet kollha minquxa fit-Trattati u fil-leġiżlazzjoni tal-UE; jinnota li fejn tidħol id-diżabilità għadu ma ġiex approvat bis-sħiħ approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, u dan jirriżulta f'diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabilità fl-UE, u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-isforzi biex jallinjaw l-oqfsa ġuridiċi tagħhom mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u biex jinkludu b'mod effikaċi l-persuni b'diżabilità fis-soċjetà;

107. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw strateġiji li jipprovdu aċċess effikaċi għas-suq tax-xogħol għal persuni li jgħixu b'diżabilità; jiddispjaċih għall-fatt li xi fondi tal-UE disponibbli għall-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità għadhom mhumiex jintuzaw bis-sħiħ għal dak il-għan; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-użu tal-fondi u tieħu azzjoni fejn meħtieġ;

108. Ifakkar li l-persuni b'diżabilità intellettwali u psikosoċjali jħabbtu wiċċhom ma' xkiel partikolari għar-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom, u jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jsaħħu l-isforzi biex jippromwovu l-awtonomija u l-inklużjoni tagħhom fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor;

109. Jinnota li n-nisa u t-tfal b'diżabilità jesperjenzaw sproporzjonatament varjetà ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom meta ma jingħatawx aċċess għal servizzi bażiċi bħall-

edukazzjoni u l-kura tas-saħħa jew meta jitqiegħdu f'istituzzjonijiet li jkunu 'l bogħod mill-familji u l-komunitajiet tagħhom, u li jinsabu f'riskju akbar li jsiru vittmi ta' vjolenza, abbuż sesswali, sfruttament u forom oħra ta' trattament ħażin u abbuż; jenfasizza l-ħtieġa għal politika ta' azzjoni komprensiva u sensittiva għad-differenza bejn is-sessi min-naħa tal-UE u l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bir-reqqa tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tat-tfal, flimkien mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;

110. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżviluppaw servizzi ta' appoġġ għat-tfal b'diżabilità, u l-familji tagħhom fil-komunitajiet lokali, bil-għan li jippromwovu d-deistituzzjonalizzazzjoni u jiżguraw sistema edukattiva inklużiva għalihom;

111. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-hotline ta' emerġenza 112 ikun għalkollox aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u jqajmu kuxjenza dwar dan permezz tal-kampanji;

112. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, kif ukoll lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, iżidu l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u umani għall-oqfsa ta' sorveljanza stabbiliti skont l-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità bil-għan li dawn ikunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom, u sabiex tkun garantita l-indipendenza tagħhom billi jiġi żgurat li l-kompożizzjoni u l-operazzjoni tagħhom jikkunsidraw il-Prinċipji ta' Pariġi dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

113. Jistieden lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, jiżguraw parteċipazzjoni ġenwina u libertà ta' espressjoni għall-persuni b'diżabilità fil-ħajja pubblika; jinnota li tali sforzi għandhom ikunu appoġġjati billi jingħataw sottotitoli, interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali, dokumenti miktuba bil-Braille u formati li jinqraw faċilment; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu soluzzjonijiet aċċessibbli għar-rifuġjati b'diżabilità; jisħaq fuq ir-riskji partikolari li qed iħabbtu wiċċhom magħhom ir-rifuġjati, il-migranti u l-persuni li jfittxu asil b'diżabilità, li m'għandhomx aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni f'formati aċċessibbli, u li jaf jinżammu f'detenzjoni f'kundizzjonijiet li ma jipprovdux appoġġ xieraq jew akkomodazzjoni raġonevoli;

***Persuni anzjani***

114. Jinnota li t-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet huma kwistjonijiet importanti li jistgħu jissaħħu permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, peress li jirrappreżenta waħda mill-aktar trasformazzjonijiet ekonomiċi u soċjali profondi li qed iħabbtu wiċċhom magħha l-pajjiżi żviluppati; jistieden lill-Istati Membri jħeġġu lill-anzjani biex ikunu aktar preżenti u attivi fis-suq tax-xogħol permezz ta' inizjattivi soċjali u ekonomiċi biex tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali, u jistedinhom ukoll jiggarantixxu lill-anzjani aċċess faċli għas-servizzi tas-saħħa;

115. Jisħaq fuq il-punt li d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età hija mifruxa ħafna fis-soċjetajiet tal-lum u spiss hija kkombinata ma' forom oħra ta' diskriminazzjoni, bħad-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' razza jew etniċità, reliġjon, diżabilità, saħħa jew kundizzjonijiet soċjali, identità tal-ġeneru jew orjentazzjoni sesswali; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw azzjonijiet immirati lejn l-integrazzjoni mill-ġdid ta' persuni anzjani fil-ħajja tal-komunità bil-għan li jiġi miġġieled l-iżolament tagħhom;

116. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jinvolu ruħhom b'mod attiv fil-Grupp ta' Ħidma miftuħ tan-NU dwar it-Tixjiħ u biex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jipproteġu d-

drittijiet ta' persuni akbar fl-età;

***Drittijiet tar-Rom***

117. Ifakkar li l-persuni li jappartjenu għall-minoranza Rom huma intitolati għal-libertà tal-moviment, u jħeġġeġ lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jissalvagwardjaw lil din il-minoranza u ma jippjanawx politiki ta' insedjament ibbażati fuq raġunijiet etniċi; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-persuni li jappartjenu għall-minoranza Rom huma soġġetti b'mod sproporzjonat għal tkeċċijiet furzati f'bosta Stati Membri;

118. Jiddispjaċih li n-nies Rom għadhom qed iħabbtu wiċċhom mal-anti-Żingariżmu u razziżmu sistematiku u istituzzjonali, u jfakkar li d-diskriminazzjoni tan-nies Rom fl-oqsma tax-xogħol, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-aċċess għall-ġustizzja jew kwalunkwe dominju ieħor hija inaċċettabbli u dannuża għas-soċjetà tal-UE; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, fid-dawl tar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom tal-2015, jimplimentaw bis-sħiħ u rapidament l-istrateġiji nazzjonali tagħhom fir-rigward tan-nies Rom, u jistabbilixxu miżuri speċifiċi biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni razzjali kontra n-nies Rom f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-KEDB, u jiġġieldu l-anti-Żingariżmu f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija;

119. Ifakkar fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE li tiddikjara li l-prinċipju ta' trattament ugwali li tirreferi għalih id-Direttiva 2000/43/KE japplika għal persuni li, għalkemm huma stess mhumiex tar-razza jew grupp etniku kkonċernati, xorta jbatu minn trattament anqas favorevoli jew żvantaġġ partikolari għal waħda minn dawn ir-raġunijiet;

120. Jitlob lill-Kummissjoni tintegra l-monitoraġġ ta' prattiki ta' diskriminazzjoni fl-oqsma kollha, speċjalment l-edukazzjoni, l-impjieg, l-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa, u tara li l-programmi kollha jiġu implimentati b'mod li jnaqqas id-distakk bejn il-popolazzjoni Rom u l-popolazzjoni mhux Rom; jitlob, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tieħu azzjoni kontra dawk l-Istati Membri li jippromwovu jew jippermettu diskriminazzjoni u segregazzjoni istituzzjonalizzati;

121. Jikkundanna l-prattika ta' segregazzjoni ta' tfal Rom fl-iskejjel, li aktar tard fil-ħajja taffettwa b'mod negattiv ħafna l-perspettivi li dawn it-tfal ikollhom tal-ħajja; jappoġġja l-azzjoni tal-Kummissjoni biex tikkontesta din il-prattika permezz ta' proċeduri ta' ksur, u jitlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri effikaċi biex jeliminaw is-segregazzjoni skolari u joħorġu bi pjanijiet għal miżuri ta' integrazzjoni għat-tfal Rom;

122. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, bil-għan li jippromwovu l-inklużjoni tal-komunitajiet Rom u foqra, biex isaħħu l-istrateġiji tagħhom billi jżiduhom proporzjonalment u jwessgħuhom ħalli jilħqu 80 miljun ċittadin; jitlob ukoll li jissaħħu t-Task Force għar-Rom u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Kummissjoni, għall-iżvilupp ta' punti ta' kuntatt reġjonali u lokali u Pjattaformi Reġjonali għar-Rom, u li jiġi żviluppat forum ta' politika online f'kooperazzjoni tal-Pjattaforma Ewropea għar-Rom; jistieden lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tkompli bil-ġbir ta' data dwar is-sitwazzjoni tar-Rom u tiżviluppa u tipproponi ‘dashboard’ ta' indikaturi ta' inklużjoni tar-Rom li bis-saħħa tagħhom ikun jista' jiġi segwit il-progress f'dan il-qasam; jistieden lill-Istati Membri biex it-2 ta' Awwissu jiddedikawh għall-Jum

Ewropew ta' Tifkira tal-Olokawst tar-Rom;

***Drittijiet tal-persuni LGBTI***

123. Jikkundanna kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni jew vjolenza abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal aġenda li tiżgura drittijiet u opportunitajiet indaqs għaċ-ċittadini kollha, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri, u tissorvelja t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni korretti tal-leġiżlazzjoni tal-UE relevanti għall-persuni LGBTI; jilqa', f'dan ir-rigward, il-lista ta' azzjonijiet li tħejjiet mill-Kummissjoni biex isir progress fil-qasam tal-ugwaljanza għall-persuni LGBTI, inkluża l-kampanja ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni biex jiġu miġġielda l-istereotipi u tittejjeb l-aċċettazzjoni soċjali tal-persuni LGBTI; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu għad-drittijiet ta' persuni LGBTI; jinnota li r-riċerka fuq il-post tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali turi li l-uffiċjali pubbliċi jqisu li d-dritt u l-politika tal-UE jikkostitwixxu forza mexxejja li tappoġġja l-isforzi nazzjonali għall-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-persuni LGBTI;

124. Jiddispjaċih għall-fatt li l-persuni LGBTI jesperjenzaw bullying u intimidazzjoni li jibdew fl-iskejjel, u jbatu minn diskriminazzjoni f'aspetti differenti ta' ħajjithom, inkluż fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lill-omofobija fl-isport, iż-żgħażagħ LGBTI u l-bullying fl-iskejjel; iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jappoġġjaw lit-trade unions u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem fl-isforzi tagħhom biex jadottaw politiki ta' diversità u ta' nondiskriminazzjoni b'enfasi fuq il-persuni LGBTI;

125. Ifakkar fil-ġurisprudenza tal-QEDB dwar id-drittijiet tal-persuni LGBTI; jilqa' l-fatt li għadd dejjem jikber ta' Stati Membri diġà ħadu miżuri li jikkontribwixxu għall-promozzjoni u l-protezzjoni b'mod aktar effikaċi d-drittijiet tal-persuni LGBTI, u adottaw proċeduri legali ġodda għar-rikonoxximent tal-ġeneru fir-rigward tad-drittijiet fundamentali ta' dawn il-persuni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-aġenziji tagħha jiġbru data dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni LGBTI, u jħeġġiġhom jikkondividu l-aħjar prattiki mal-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jinfurmaw lill-persuni LGBTI bis-sħiħ dwar id-drittijiet tagħhom u jikkondividu l-aħjar prattiki f'dan ir-rigward; jikkundanna l-prattiki mediċi li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-persuni trans u intersesswali;

126. Jinnota li l-persuni transġeneru għadhom meqjusa bħala persuni morda mentalment fil-maġġoranza tal-Istati Membri, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu rieżami tal-katalogi nazzjonali tas-saħħa mentali u jiżviluppaw mudelli alternattivi ta' aċċess ħieles mill-istigmi li jiżguraw li l-kura medikament neċessarja tibqa' disponibbli għall-persuni transġeneru kollha; jinnota li l-isterilizzazzjoni sfurzata hija ksur tad-drittijiet fundamentali; jilqa' l-adozzjoni reċenti minn bosta Stati Membri ta' proċeduri legali ġodda ta' rikonoxximent tal-ġeneru li huma aktar rispettużi tad-drittijiet fundamentali tal-persuni transġeneru;

127. Jilqa' l-inizjattiva li wriet il-Kummissjoni li tirsisti favur l-idea li l-identitajiet transġeneru ma jibqgħux jitqiesu bħala patoloġija fir-rieżami tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi ħalli timpedixxi li l-varjanza tal-ġeneri fit-tfulija ssir dijanjosi ġdida tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard;

128. Iqis li huwa aktar probabbli li d-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTI jiġu mħarsa jekk dawn ikollhom aċċess għall-istituzzjonijiet legali, bħall-koabitazzjoni, is-sħubija reġistrata u ż-żwieġ; jilqa' l-fatt li, attwalment, 18-il Stat Membru joffru dawn l-għażliet, u jistieden lill-Istati Membri l-oħra jikkunsidraw li jagħmlu dan;

129. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għar-rikonoxximent reċiproku sħiħ tal-effetti u ċ-ċirkolazzjoni libera tad-dokumenti kollha tal-istatus ċivili tal-individwi, il-koppji u l-familji kollha fl-UE (inklużi dawk id-dokumenti kollha dwar iż-żwieġ u s-sħubijiet reġistrati, it-tibdil tas-sess legali u ċ-ċertifikati ta' adozzjoni u twelid), inkluż ir-rikonoxximent legali tal-ġeneru, bil-għan li jitnaqqsu l-ostakli legali u amministrattivi diskriminatorji għaċ-ċittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu;

*Ċittadinanza*

130. Jinnota ż-żieda fl-Ewroxettiċiżmu, u fl-espressjoni ta' opinjonijiet politiċi vjolenti, bi tħassib kbir, u għaldaqstant iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, speċjalment taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fi kwistjonijiet tal-UE, sabiex l-Ewropej ikunu jistgħu jleħħnu t-tħassib tagħhom u jesprimu l-opinjonijiet tagħhom permezz ta' mezzi demokratiċi;

131. Iqis li jeħtieġ li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika u li tiġi promossa l-governanza elettronika fl-UE kollha, u jitlob li tissaħħaħ l-effikaċja ta' mekkaniżmi bħalma huma l-inizjattiva taċ-ċittadini;

132. Iħeġġeġ l-iżvilupp tal-konsultazzjonijiet elettroniċi bħala għodda għall-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini, li tippermetti l-ġbir ta' informazzjoni dwar l-aspettattivi tagħhom mill-gvern u l-amministrazzjoni pubblika; iqis li jeħtieġ li jiġu eliminati l-ostakli proċedurali u lingwistiċi li jiskoraġġixxu l-parteċipazzjoni ċivika taċ-ċittadini fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha ta' governanza; jenfasizza l-ħtieġa għat-trasparenza, mhux biss fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet, iżda wkoll fil-monitoraġġ ta' kif jiġu indirizzati l-kwistjonijiet relatati mas-servizzi pprovduti mill-istituzzjonijiet pubbliċi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss il-forniment ta' tali servizzi permezz ta' media diġitali aċċessibbli; itenni l-importanza li titqajjem kuxjenza dwar il-Karta;

133. Jinnota li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż il-volontarjat u x-xogħol taż-żgħażagħ, jaqdu rwol ċentrali fil-parteċipazzjoni soċjali u ċivika, u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, kif ukoll lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, jappoġġjaw u jippromwovu l-ħidma tagħhom; jistieden lill-Istati Membri u lill-UE jirrispettaw il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni bħala parti mill-Karta;

134. Jemmen li l-edukazzjoni ċivika u d-djalogu interkulturali jtejbu l-fehim taċ-ċittadini dwar l-importanza tal-parteċipazzjoni soċjali u politika, filwaqt li l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem iżżid l-għarfien tagħhom dwar id-drittijiet tagħhom stess u tgħallimhom ir-rispett tad-drittijiet tal-oħrajn; jistieden lill-Istati Membri jfasslu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-edukazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali, inkluż il-kontribut tal-UE għall-iżvilupp ta' qafas għad-drittijiet fundamentali, u jimplimentaw il-Karta tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Edukazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza Demokratika u l-Edukazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jieħdu sehem attiv fl-attivitajiet imsemmija hawn fuq;

135. Jinnota bi tħassib li għad hemm il-ħtieġa li jsiru sforzi sabiex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020 dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali; jistieden lill-Istati Membri jsibu l-aħjar politiki, inklużi l-attivazzjoni tal-impjiegi u l-aċċess għal servizzi u edukazzjoni ta' kwalità għolja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-politiki soċjali u tal-impjiegi tagħhom ma jiddiskriminawx fuq il-bażi tad-daqs u l-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi;

***Drittijiet diġitali***

136. Ifakkar li kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tiegħu, inkluż id-dritt ta' aċċess għad-data li tinġabar dwaru, u d-dritt li jitlob biex din id-data tiġi rrettifikata jenfasizza d-dritt li kulħadd għandu biex jiddetermina kif tiġi ttrattata d-data personali tiegħu, b'mod partikolari d-dritt esklużiv biex jiddetermina l-użu u t-tixrid tad-data personali tiegħu; jenfasizza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri li jippermettu lil kull ċittadin jikseb indikazzjoni ta' kontenut potenzjalment dannuż għad-dinjità jew ir-reputazzjoni tiegħu/tagħha, b'rispett tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, u skont il-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza relevanti; josserva li, jekk ma jkunx hemm interess pubbliku speċifiku, kulħadd għandu d-dritt li jiddeċiedi liema data tista' tkun disponibbli, id-dritt li d-data personali titħassar, kif ukoll id-dritt li tkun minsija, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-leġiżlazzjoni tal-UE;

137. Jinsab imħasseb li ċ-ċittadini mhumiex konxji għalkollox mid-drittijiet tagħhom u tal-mezzi ta' rimedju legali disponibbli għalihom; iqis li huwa essenzjali li l-pubbliku, b'mod partikolari t-tfal, ikun familjari mal-importanza tal-protezzjoni tad-data personali fiċ-ċiberspazju, u r-riskji potenzjali li huwa espost għalih, speċjalment fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi u ż-żieda tal-attakki ċibernetiċi; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom fir-rigward tal-litteriżmu tal-mezzi l-ġodda tax-xandir u biex dan jagħmluh komponent integrali mill-kurrikuli skolastiċi; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jindirizzaw il-bullying ċibernetiku, b'mod partikolari meta dan jolqot gruppi speċifiċi ta' tfal;

138. Josserva li l-persuni kollha għandhom id-dritt li jesprimu u jxerrdu l-opinjonijiet tagħhom b'mod liberu fl-internet, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza relevanti; jisħaq fuq il-punt li ħadd m'għandu jkun żvantaġġat talli ma jagħmilx użu mis-servizzi diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu għas-sejbiet tal-konsultazzjoni pubblika dwar id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, u teżamina mill-ġdid id-Direttiva, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali;

139. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitqies l-impatt li ċertu teknoloġiji ġodda, bħal pereżempju d-drones, jista' jkollhom fuq id-drittijiet fundamentali u, b'mod partikolari, fuq id-dritt għall-privatezza; jenfasizza wkoll l-isfida li jikkostitwixxu l-implikazzjonijiet tal-użu mifrux tal-internet fuq id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, il-ġlieda kontra l-intimidazzjoni fl-internet jew it-traffikar tal-bnedmin, speċjalment f'dak li jikkonċerna l-isfruttament sesswali u fuq il-post tax-xogħol;

140. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi rrispettat id-dritt għall-protezzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali kif iddikjarat fl-Artikolu 30 tal-Karta Soċjali Ewropea; jistieden lill-Istati Membri kollha jdaħħlu miżuri ta' appoġġ biex jipprovdu kondizzjonijiet ta' għajxien diċenti għaċ-ċittadini tagħhom u biex jiġġieldu b'mod effettiv kontra l-qgħad, l-

esklużjoni soċjali, il-faqar u n-nuqqas ta' kura tas-saħħa;

o

o o

141. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.